KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-3 ta' Settembru 2015[1]

Kawża C-121/14

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
vs
Il-Parlament Ewropew,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Rikors għal annullament — Artikolu 91 TFUE — Artikoli 170 TFUE et seq — Trasport — Netwerks trans-Ewropej ta' trasport — Mekkaniżmu għall-interkonnessjoni fl-Ewropa — Estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija lil hinn minn Londra — Proġett ta' interess komuni li jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat"

1. Permezz tar-rikors tiegħu, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010[2], għar-raġuni prinċipali li l-estensjonijiet tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi għat-twettiq tal-għanijiet previsti fl-Artikolu 170 TFUE u li, għalhekk, dawn kellhom jiġu adottati b'konformità mal-Artikoli 171 TFUE u 172 TFUE.

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *It-Trattat FUE*

2. L-Artikolu 91 TFUE jipprevedi dan li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 90, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi partikolari tat-trasport, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jistabbilixxu:

a) regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

b) il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru;

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 348, p. 129, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat".

ċ) miżuri li jtejbu s-sigurtà fit-trasport;

d) provvedimenti oħra xierqa.

2. Fl-adozzjoni tal-miżuri previsti fil-paragrafu 1, għandu jittieħed kont tal-każijiet fejn l-applikazzjoni tagħhom taf tolqot b'mod gravi l-livell ta' l-għajxien u l-impjieg f'ċerti reġjuni, kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport".

3. Taħt it-Titolu XIV, intitolat "Netwerks trans-Ewropej", l-Artikolu 170 TFUE jipprovdi:

"1. Sabiex jinkisbu l-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 26 u 174 u sabiex iċ-ċittadini ta' l-Unjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-Komunitajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu igawdu mill-benefiċċji ta' l-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-Unjoni għandha tagħti l-kontribut tagħha sabiex jiġu stabbiliti u jiġu żviluppati networks trans-Ewropej fl-oqsma ta' l-infrastrutturi tat-trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija.

2. Fil-qafas ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni mill-Unjoni għandha tfittex li tiffaċilita l-interkonnessjoni u l-interoperabiltà ta' networks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għal dawk in-networks. Għandha tqis b'mod partikolari il-ħtieġa li jingħaqdu l-gżejjer u r-reġjuni kemm dawk maqtugħa mill-baħar kif ukoll dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali ta' l-Unjoni".

4. Barra minn hekk, dejjem taħt l-istess titolu, l-Artikolu 171(1) TFUE jipprevedi:

"Sabiex jinkisbu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 170, l-Unjoni:

— għandha tistabbilixxi sensiela ta' linji gwida dwar il-miri, prioritatjiet u l-linji ġenerali tal-miżuri kontemplati fl-isfera tan-networks trans-Ewropej; dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta' interess komuni;

— għandha timplementa kull miżura li titqies neċessarja sabiex tiżgura l-inter-operabbiltà tan-networks, b'mod partikolari fil qasam ta' l-istandardizzazzjoni teknika;

— jista' jappoġġa proġetti ta' nteress komuni li jkunu mogħtija sostenn mill-Istati Membri, li huma identifikati fil-qafas tal-linji ta' gwida imsemmija fl-ewwel inċiż, partikolarment permezz ta' studji ta' possibiltà, garanziji għal self jew sussidji fuq ir-rati ta' l-interessi; l-Unjoni tista' wkoll tikkontribwixxi, permezz tal-Fond ta' Koeżjoni stabbilit skond l-Artikolu 177, sabiex jiġu finanzjati proġetti speċifiċi fl-Istati Membri fil-qasam ta' l-infrastruttura tat-trasport.

L-attivitajiet ta' l-Unjoni għandhom jagħtu konsiderazzjoni meħtieġa lill-validità ekonomika potenzjali tal-proġetti".

5. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 172 TFUE, li jaqa' wkoll, taħt it-Titolu XVI dwar in-netwerks trans-Ewropej, jistabbilixxi dan li ġej:

"Il-linji gwida u l-miżuri l-oħra previsti fl-Artikolu 171(1) għandhom jiġu adottati mill-Parlament […] u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Il-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru partikolari għandhom ikunu jeħtieġu l-approvazzjoni ta' l-Istat Membru interessat".

B – *Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010*

6. Adottat abbażi tal-Artikolu 91 TFUE, ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2010, dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv[3], għandu l-għan li jistabbilixxi regoli ta' implementazzjoni u organizzazzjoni tal-kurituri ferrovjarji internazzjonali sabiex jinħoloq netwerk ferrovjarju Ewropew għall-merkanzija kompetittiv. Għal dan il-għan, huwa jistabbilixxi regoli għall-għażla, l-organizzazzjoni, it-tmexxija tal-kurituri tal-merkanzija kif ukoll l-ippjanar indikattiv tal-investimenti marbuta magħhom[4].

7. Skont l-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, it-terminu "kuritur tal-merkanzija" għandu jfisser "il-linji ferrovjarji denominati kollha, inklużi l-linji ta' laneċ ferrovjarji, fuq it-territorju tal-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, u, fejn xieraq, pajjiżi terzi Ewropej, li jgħaqqdu żewġ terminali jew aktar, tul rotta prinċipali u, fejn ikun il-każ, rotot u taqsimiet ta' diversjoni li jikkollegawhom, inkluża l-infrastruttura ferrovjarja u t-tagħmir tagħha, u s-servizzi ferrovjarji rilevanti skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/14/KE [5]".

8. Il-Kapitolu II tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja jipprevedi n-nomina u r-regolament tal-kurituri ferrovjarji. L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, li jinsab f'dan il-kapitolu, huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri msemmijin fl-Anness għandhom jagħmlu operazzjonali, sad-dati fih stipulati, il-kurituri tal-merkanzija inizjali stabbiliti fl-Anness. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-kurituri tal-merkanzija".

9. L-Anness tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"	"Stati Membri	Rotot prinċipali ([1])	Stabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija:
[...]	[...]	[...]	[...]
'Il-Baħar tat-Tramuntana - Mediterran'	NL, BE, LU, FR u UK ([+])	Glasgow (*)/Edinburgh (*)/Southampton (*)/Felixstowe (*)- Londra ([+])/Dunkerque ([+])/Lille ([+])/Liège ([+])/Pariġi ([+])/Amsterdam ([+])-Rotterdam-Zeebrugge ([+])/Antwerpen-Luxembourg-Metz-Dijon-Lyon/[Basel]-Marseille ([+])	Sal-10 ta' Novembru 2013
[...]	[...]	[...]	[...]

([1]) '/' tfisser rotot alternattivi. Bi qbil mal-linji gwida ta[n-netwerk trans-Ewropew ta' trasport (iktar 'il quddiem it-'TEN-T'], il-kurituri tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom, fil-ġejjieni, jitlestew bil-proġett fl-assi ferrovjarju tal-merkanzija Sines/Algeciras-Madrid-Paris, li jaqsam il-Pirenej ċentrali minn ġo mina ta' altitudini baxxa.

3 — ĠU L 276, p. 22, u r-rettifika ĠU 2012, L 325, p. 19. Regolament kif emendat bir-Regolament ikkontestat, iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja".

4 — Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament.

5 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 7 Vol. 5 p. 404).

(+) Rotot immarkati bi "+"għandhom jiġu inklużi fil-kurituri rispettivi mhux aktar tard minn 3 snin wara d-data ta' stabbiliment imniżżla f'din it-tabella. L-istrutturi eżistenti ddefiniti skont l-Artikolu 8 u l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aġġustati bis-sehem ta' Stati Membri oħrajn u amministraturi tal-infrastruttura fil-kurituri rispettivi. Dawn l-inklużjonijiet għandhom jissejsu fuq studji dwar is-suq u jqisu l-aspett tat-trasport eżistenti ta' passiġġieri u merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14(3) ta' dan ir-Regolament.

(*) Rotot immarkati bi "*" għandhom jiġu inklużi fil-kurituri rispettivi mhux aktar tard minn 5 snin wara d-data ta' stabbiliment imniżżla f'din it-tabella. L-istrutturi eżistenti iddefiniti skont l-Artikolu 8 u l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aġġustati bis-sehem ta' Stati Membri oħrajn u amministraturi tal-infrastruttura fil-kurituri rispettivi. Dawn l-inklużjonijiet għandhom jissejsu fuq studji dwar is-suq u jqisu l-aspett tat-trasport eżistenti ta' passiġġieri u merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14(3) ta' dan ir-Regolament.

[...]"

10. Qabel l-emenda magħmula mir-Regolament ikkontestat, il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 kien ippreżentat kif ġej:

"2.	NL, BE, LU, FR	Rotterdam-Anvers-Lussemburgu-Metz-Dijon-Lyon/[Bâle]	Sal-10 ta' Novembru 2013"

11. L-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja jistabbilixxu kriterji għall-implementazzjoni ta' kurituri tal-merkanzija addizzjonali, u jelaboraw ir-regoli ta' selezzjoni għal dawn il-kurituri kif ukoll it-tibdil tagħhom. Huma jipprevedu:

"Artikolu 4

Kriterji għal aktar kurituri tal-merkanzija

L-għażla ta' aktar kurituri tal-merkanzija msemmijin fl-Artikolu 5 u l-modifika tal-kurituri ta' merkanzija msemmijin fl-Artikolu 6 għandhom iqisu dawn il-kriterji:

a) il-qsim permezz tal-kuritur tal-merkanzija tat-territorju ta' mhux inqas minn tliet Stati Membri, jew ta' żewġ Stati Membri jekk id-distanza ta' bejn it-terminali ferrovjarji moqdija mill-kuritur tal-merkanzija tkun ta' aktar minn 500 kilometru;

b) il-konsistenza tal-kuritur tal-merkanzija mal-kurituri tat-TEN-T, tat-[Sistema ta' Tmexxija tat-Traffiku Ferrovjarju Ewropew (ERTMS)[6]] u/jew mal-kurituri definiti mir-[RailNetEurope (RNE)[7]];

ċ) l-integrazzjoni ta' proġetti prijoritarji tat-TEN-T fil-kuritur tal-merkanzija;

d) il-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi li joħorġu mill-istabbiliment tal-kuritur tal-merkanzija;

e) il-koerenza tal-kurituri tal-merkanzija kollha proposti mill-Istati Membri biex jaslu għall-istabbiliment ta' netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiva;

6 — L-ERTMS hija sistema intiża għall-armonizzazzjoni tas-sinjali ferrovjarji, li tinkludi l-fatt li jiġu senjalati l-ferroviji fuq il-linji ferrovjarji.

7 — Ir-RNE hija assoċjazzjoni mwaqqfa fl-2004 li tiġbor fiha l-amministraturi tal-infrastruttura.

f) l-iżvilupp ta' traffiku ferrovjarju tal-merkanzija u ta' flussi ewlenin ta' kummerċ u ta' traffiku ta' merkanzija tul il-kuritur;

g) jekk xieraq, interkonnessjonijiet aħjar bejn Stati Membri u pajjiżi terzi Ewropej;

h) l-interess tal-applikanti fil-kuritur tal-merkanzija;

i) l-eżistenza ta' interkonnessjonijiet tajbin ma' modi oħra tat-trasport, b'mod partikolari permezz ta' netwerk adegwat ta' terminali, inkluż fil-portijiet marittimi u dawk interni.

Artikolu 5

Għażla ta' aktar kurituri tal-merkanzija

1. Kull Stat Membru bi fruntiera ferrovjarja ma' Stat Membru ieħor għandu jieħu sehem fl-istabbiliment ta' mill-inqas kuritur tal-merkanzija wieħed, ħlief jekk dan l-obbligu diġà ġie ssodisfatt taħt l-Artikolu 3.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, fuq talba minn Stat Membru, jieħdu sehem fl-istabbiliment tal-kuritur tal-merkanzija kif imsemmi f'dak il-paragrafu jew fit-titwil ta' kuritur eżistenti, sabiex jippermettu li Stat Membru ġar jissodisfa l-obbligu tiegħu taħt dak il-paragrafu.

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 91/440/KEE [8], meta Stat Membru, wara li jkun wettaq analiżi soċjoekonomika, iqis li l-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija ma jkunx fl-interess tal-applikanti li aktarx jużaw il-kuritur tal-merkanzija jew ma jġibx benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti jew li jikkawża piż sproporzjonat, l-Istat Membru kkonċernat m'għandux ikun obbligat jipparteċipa kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, soġġett għal deċiżjoni tal-Kummissjoni li taġixxi skont l-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikoli 21(2).

4. Stat Membru m'għandux ikun obbligat jipparteċipa kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 jekk huwa għandu netwerk ferrovjarju li għandu track gauge li jkun differenti minn dak tan-netwerk ferrovjarju prinċipali fl-Unjoni.

5. L-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija għandu jiġi propost mill-Istati Membri kkonċernati. Għal dan il-għan, huma għandhom jibagħtu b'mod konġunt lill-Kummissjoni ittra ta' intenzjoni li tinkludi proposta mfassla wara konsultazzjoni mal-ġestur tal-infrastruttura u l-applikanti kkonċernati, b'kunsiderazzjoni għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4.

Sabiex jissodisfaw l-obbligu skont il-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri konċernati għandhom jibagħtu b'mod konġunt lill-Kummissjoni ittra ta' intenzjoni sal-10 ta' Novembru 2012.

6. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-proposti għall-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija kif imsemmi fil-paragrafu 5 u, b'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(3), tadotta deċiżjoni dwar il-konformità ta' tali proposta ma' dan l-Artikolu sa mhux aktar tard minn disà xhur wara l-preżentazzjoni tal-proposta.

7. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu l-kuritur tal-merkanzija sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6.

8 — Direttiva tal-Kunsill, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 7, Vol. 1 p. 341).

Artikolu 6

Modifika ta' aktar kurituri tal-merkanzija

1. Il-kurituri tal-merkanzija msemmijin fl-Artikolu 5 jistgħu jiġu modifikati abbażi ta' proposta konġunta mill-Istati Membri kkonċernati lill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-ġestur tal-infrastruttura u l-applikanti kkonċernati.

2. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(3), tadotta deċiżjoni dwar il-proposta, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4".

C – *Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013*

12. Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE[9], kien adottat abbażi tal-Artikolu 172 TFUE. Skont l-Artikolu 1(1) u (2) tar-Regolament TEN-T, huwa għandu l-għan li jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp ta' TEN-T magħmul minn struttura b'żewġ livelli, li tikkonsisti min-netwerk komprensiv u min-netwerk ewlieni, fejn dan tal-aħħar jiġi stabbilit fuq il-bażi tan-netwerk komprensiv, kif ukoll li jidentifika proġetti ta' interess komuni u li jispeċifika r-rekwiżiti li għandhom ikunu ssodisfatti għall-ġestjoni tal-infrastruttura tat-TEN-T.

13. L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament japplika għat-[TEN-T] kif jidher fil-mapep li jinsabu fl-Anness I. It-[TEN-T] jinkludi l-infrastruttura tat-trasport u applikazzjonijiet telematiċi, kif ukoll miżuri li jippromwovu l-ġestjoni u l-użu effiċjenti ta' din l-infrastruttura u jippermettu l-istabbiliment u l-operat ta' servizzi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti.

2. L-infrastruttura tat-[TEN-T] tikkonsisti mill-infrastruttura għat-trasport bil-ferrovija, għat-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni, għat-trasport bit-triq, għat-trasport marittimu, għat-trasport bl-ajru u għat-trasport multimodali, kif stabbilit fit-taqsimiet rilevanti tal-Kapitolu II".

14. Skont l-Artikolu 3(a) tar-Regolament TEN-T, "proġett ta' interess komuni" għandu jfisser kwalunkwe proġett imwettaq skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu.

15. L-Artikolu 5(1)(a) tal-imsemmi regolament jindika li t-TEN-T għandu jkun ippjanat, żviluppat u operat b'użu effiċjenti mil-lat ta' riżorsi, permezz tal-iżvilupp, it-titjib u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti.

16. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament TEN-T, l-iżvilupp gradwali tat-TEN-T għandu jintlaħaq, b'mod partikolari, bl-implementazzjoni ta' struttura fuq żewġ livelli għal dak in-netwerk b'approċċ metodoloġiku koerenti u trasparenti, li jinkludi netwerk komprensiv u netwerk ewlieni. In-netwerk komprensiv għandu jikkonsisti mill-infrastrutturi kollha eżistenti u ppjanati tat-trasport tat-TEN-T kif ukoll miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti u soċjalment u ambjentalment sostenibbli ta' infrastrutturi bħal dawn. In-netwerk ewlieni għandu jikkonsisti f'dawk il-partijiet tan-netwerk komprensiv li huma tal-ogħla importanza strateġika sabiex jintlaħqu l-għanijiet għall-iżvilupp tat-TEN-T. Għandu jiġi identifikat u żviluppat, rispettivament f'konformità mal-Kapitoli II u III ta' dan ir-regolament.

9 — ĠU L 348, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 473/2014, tas-17 ta' Jannar 2014 (ĠU L 136, p. 10, iktar 'il quddiem ir-"Regolament TEN-T").

17. L-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

“1. Proġetti ta’ interess komuni għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tat-[TEN-T] permezz tal-ħolqien ta’ infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tar-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti u permezz ta’ miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti mil-lat ta’ riżorsi tan-network.

2. Proġett ta’ interess komuni għandu:

a) jikkontribwixxi għall-objettivi li jaqgħu taħt mill-inqas żewġ kategoriji minn erbgħa kif jidhru fl-Artikolu 4;

b) jikkonforma mal-Kapitolu II, u jekk jikkonċerna n-netwerk ewlieni, jikkonforma wkoll mal-Kapitolu III;

ċ) ikun ekonomikament vijabbli abbażi ta’ analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi;

d) juri valur miżjud Ewropew.

3. Proġett ta’ interess komuni jista’ jinkludi ċ-ċiklu sħiħ tiegħu, inkluż l-istudji dwar il-fattibbiltà u l-proċeduri għall-għoti ta’ permessi, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni.

[...]”

18. L-Artikolu 32(a) tar-Regolament TEN-T, li jinsab fil-Kapitolu II li jittratta n-netwerk komprensiv, jindika li l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-proġetti ta’ interess komuni li jipprovdu servizzi effiċjenti ta’ trasport tal-merkanzija bl-użu tal-infrastruttura tan-netwerk komprensiv u li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u impatti ambjentali negattivi oħra, u li huma maħsuba biex itejbu l-użu sostenibbli tal-infrastruttura tat-trasport, partikolarment permezz tal-ġestjoni effiċjenti tagħha.

19. L-Artikolu 42 ta’ dan ir-regolament jipprevedi dan li ġej:

“1. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni huma strument li jiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata tan-netwerk ewlieni. Sabiex iwasslu għal trasport multimodali b’użu effiċjenti ta’ riżorsi, biex b’hekk jikkontribbwixxu għall-koeżjoni permezz ta’ kooperazzjoni territorjali mtejba, il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jikkonċentraw fuq:

a) integrazzjoni modali;

b) interoperabbilità;

ċ) żvilupp koordinat tal-infrastruttura, b’mod partikolari f’sezzjonijiet transkonfinali u ta’ konġestjoni.

2. Permezz tal-kurituri tan-netwerk ewlieni l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jadottaw approċċ koordinat u sinkronizzat fir-rigward ta’ investiment fl-infrastruttura, sabiex jieħdu ħsieb il-kapaċitajiet bl-aktar mod effiċjenti. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jappoġġaw il-mobilizzazzjoni komprensiva ta’ sistemi interoperabbli tal-ġestjoni tat-traffiku u, fejn xieraq, l-użu tal-innovazzjoni u teknoloġiji ġodda.”

20. L-Artikolu 43 tal-imsemmi regolament jiddefinixxi l-kurituri tan-netwerk ewlieni bil-mod segwenti:

"1. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni jkopru l-aktar flussi fuq distanzi twal importanti fin-netwerk ewlieni u huma maħsuba, b'mod partikolari, biex itejbu l-links transkonfinali fl-Unjoni.

2. Il-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom ikunu multimodali u miftuħa għall-inklużjoni tal-mezzi kollha ta' trasport kopert f'dan ir-Regolament. Dawn jaqsmu tal-anqas żewġ fruntieri u jinvolvu, jekk possibbli, tal-anqas tliet mezzi ta' trasport, inkluż, fejn xieraq, awtostradi tal-baħar."

21. Skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament TEN-T, il-lista tal-kurituri tan-netwerk ewlieni tinsab fil-Parti I tal-Anness tar-Regolament ikkontestat. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw, kif previst fil-Kapitolu III tar-Regolament TEN-T, f'dawn il-kurituri tan-netwerk ewlieni.

22. L-Artikoli 45 sa 47 ta' dan ir-regolament jistabbilixxu l-istruttura tal-governanza tal-kurituri tan-netwerk ewlieni sabiex jiffaċilitaw l-implementazzjoni kkoordinata tagħhom, bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati. Għal kull kuritur tan-netwerk ewlieni, għandu jiġi nnominat Koordinatur Ewropew wieħed jew iktar u għandu jiġi assistit permezz ta' forum konsultattiv ikkostitwit bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati. Il-Koordinatur Ewropew jistabbilixxi pjan ta' ħidma tal-kuritur flimkien mal-Istati Membri kkonċernati u jikkontrolla l-implementazzjoni tiegħu.

23. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 48 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. Koordinazzjoni adegwata għandha tiġi żgurata bejn il-kurituri tan-netwerk ewlieni u l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija kif stabbilit fir-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja], sabiex tiġi evitata kwalunkwe attività doppja, b'mod partikolari meta jkun qed jiġi stabbilit pjan ta' ħidma jew qed jitwaqqfu l-gruppi ta' ħidma.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-istrutturi ta' governanza li jinsabu fir-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja]."

D – *Ir-Regolament ikkontestat*

24. L-Artikolu 1 tar-Regolament ikkontestat jindika li dan għandu l-għan li joħloq il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Din il-faċilità tistabbilixxi l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri għall-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni lin-netwerks trans-Ewropej sabiex tagħti appoġġ lill-proġetti ta' interess komuni fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija u biex jisfrutta s-sinerġiji potenzjali bejn dawn is-setturi.

25. Skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament, "proġett ta' interess komuni" ifisser proġett identifikat fir-Regolament TEN-T, jew fir-Regolament (UE) Nru 347/2013 [10] jew f'Regolament dwar linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni.

26. Il-Parti I tal-Anness I tar-Regolament ikkontestat tistabbilixxi, b'mod partikolari, il-kuritur tan-netwerk ewlieni "Baħar tat-Tramuntana – Mediterran". Fir-rigward tar-Renju Unit, hija tipprevedi, b'mod partikolari, l-allinjamenti segwenti:

— Glasgow/Edinburgh – Liverpool/Manchester – Birmingham,

— Birmingham – Felixstowe/Londra/Southampton

10 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' April 2013, dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, p. 39).

— Londra – Lille – Brussell/Brussell

27. L-Artikolu 29 tar-Regolament ikkontestat jipprovdi li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja huwa emendat kif ġej:

“ L-Anness għar-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja] huwa sostitwit bit-test tal-Anness II għal dan ir-Regolament [ikkontestat]. Konsegwentement, il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija riveduti għandhom jibqgħu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja]”.

28. Fl-Anness II tar-Regolament ikkontestat, il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija “Baħar tat-Tramuntana – Mediterran” jissostitwixxi l-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2, stabbilit fl-Anness tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja qabel l-emenda tiegħu mill-Artikolu 29 tar-Regolament ikkontestat [11].

29. Huwa għalhekk li l-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 ġie estiż sa Glasgow, billi ġew inklużi, għal dak li jirrigwarda r-Renju Unit, Glasgow, Edinburgh, Southampton, Felixstowe u Londra.

II – **Il-proċedura leġiżlattiva li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat**

30. Inizjalment, ir-Renju Unit ma pparteċipa f’ebda wieħed mill-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali, kif previsti mir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja. Sussegwentement, abbażi ta’ studji soċjoekonomiċi, huwa beda l-proċedura tal-istabbiliment ta’ kuritur ferrovjaru tal-merkanzija addizzjonali, skont l-Artikolu 5 ta’ dan ir-regolament, sabiex jestendi l-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 sa Londra, permezz ta’ mina fiċ-Channel.

31. Fir-rikors tiegħu, ir-Renju Unit jispjega li fir-rigward tar-Regolament ikkontestat, huwa kkonforma ruħu mal-prinċipji kif esposti fl-Artikolu 1 tiegħu. Madankollu, matul in-negozjati fir-rigward tal-adozzjoni ta’ dan ir-regolament, ġie ppreżentat abbozz ta’ emenda tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2 sabiex dan jiġi estiż sa Glasgow. Din l-estensjoni ma kinitx approvata mir-Renju Unit u fl-opinjoni tiegħu lanqas kienet sostnuta mill-analiżi soċjoekonomika.

32. Għalhekk, ir-Renju Unit astjena waqt il-vot dwar l-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat u fil-25 ta’ Novembru 2013 ippreżenta dikjarazzjoni li tesponi r-raġunijiet għall-astensjoni tiegħu [12]. Barra minn hekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika ta’ Lettonja ppreżentaw ukoll osservazzjonijiet sabiex jesponu l-ilmenti tagħhom dwar l-estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali f’dawn il-kundizzjonijiet [13].

III – **It-talbiet tal-partijiet**

33. Ir-Renju Unit jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jestendu lil hinn minn Londra l-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 u

— tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

11 — Ara l-punti 9 u 10 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

12 — Ara d-dokument tal-Kunsill 16096/13 ADD 2 dwar l-abbozz tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joħloq il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010.

13 — *Ibidem.*

34. Il-Parlament u l-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni li intervjeniet insostenn tagħhom, jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors u

— tikkundanna lir-Renju Unit għall-ispejjeż.

IV – **Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors minħabba t-talba għall-annullament parzjali tar-Regolament ikkontestat**

35. Ir-Renju Unit jikkunsidra li l-Artikolu 29 tar-Regolament ikkontestat u l-Anness II tiegħu huma partijiet distinti u jistgħu jiġu sseparati mill-bqija ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, huwa jippreċiża li r-rikors tiegħu huwa intiż għall-annullament parzjali tal-imsemmi regolament, jiġifieri l-annullament tal-Artikolu 29 u tal-Anness II tiegħu.

36. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-annullament parzjali ta' att tal-Unjoni huwa possibbli biss jekk l-elementi li tagħhom ikun intalab l-annullament ikunu jistgħu jiġu sseparati mill-bqija tal-att. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li dan ir-rekwiżit ta' separabbiltà ma huwiex issodisfatt meta l-annullament parzjali ta' att ikollu l-effett li jbiddel is-sustanza tiegħu [14].

37. Il-Parlament, il-Kunsill u kif ukoll il-Kummissjoni jaqblu dwar il-fatt li t-talba għal annullament parzjali ppreżentata mir-Renju Unit hija ammissibbli.

38. Jiena naqbel ma' din il-fehma.

39. Fil-fatt, l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat huma separabbli minnu kollu. Jekk tiġi ddikjarata l-illegalità ta' dan l-artikolu u ta' dan l-anness, dan ir-regolament jibqa' jipproduċi effetti legali, peress li d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-imsemmi regolament għandhom għan differenti minn dak li jrid jintlaħaq mill-imsemmi artikolu u l-imsemmi anness.

40. B'hekk, is-sustanza stess tar-Regolament ikkontestat hija li tinħoloq Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa sabiex jitħaffef l-investiment fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej [15]. Għal dan l-għan, huwa jiddetermina l-kundizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri għall-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni lin-netwerks trans-Ewropej sabiex tagħti appoġġ lill-proġetti ta' interess komuni fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija [16].

41. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat huma intiżi biss sabiex jallinjaw il-kurituri għall-merkanzija ferrovjarja previsti fil-kuntest tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja kif ukoll il-kurituri tan-netwerk ewlieni. Għalhekk, l-annullament tagħhom ma huwa ser ibiddel xejn mis-sustanza ta' dan ir-regolament.

42. Peress li l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat huma separabbli mill-bqija tiegħu, it-talba għal annullament parzjali magħmula mir-Renju Unit għandha, fl-opinjoni tiegħi, tiġi ddikjarata ammissibbli.

14 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-427/12, EU:C:2014:170, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 — Ara l-premessa 2 ta' dan ir-regolament.

16 — Ara l-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament.

V – **Fuq ir-rikors**

43. Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-Renju Unit iqajjem żewġ motivi.

44. Permezz tal-ewwel motiv tiegħu, huwa jsostni li l-emendi magħmula lill-Anness tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, fil-verżjoni inizjali tiegħu, permezz tal-Artikolu 29 u tal-Anness II tar-Regolament ikkontestat, li għandhom il-konsegwenza li jestendu l-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2, kellhom jiġu adottati skont l-Artikoli 171 TFUE u 172 TFUE, sa fejn dawn l-emendi huma intiżi għat-twettiq tal-għanijiet previsti fl-Artikolu 170 TFUE.

45. Permezz tat-tieni motiv tiegħu, ir-Renju Unit iqis li, ladarba l-imsemmija emendi huma intiżi għat-twettiq tal-għanijiet previsti mill-Artikolu 170 TFUE, l-estensjonijiet tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali, li huma "proġetti ta' interess komuni" fis-sens tal-Artikolu 171(1) TFUE, u li jirrigwardaw it-territorju tar-Renju Unit, ġew adottati bi ksur tar-rekwiżit għal kunsens tal-Istat Membru kkonċernat previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE.

A – *Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-għażla żbaljata tal-bażi legali għall-estensjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2*

1. L-argumenti tal-partijiet

46. Ir-Renju Unit isostni li l-emenda tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 magħmula mill-Artikolu 29 u mill-Anness II tar-Regolament ikkontestat u li għandu l-konsegwenza li jestendi l-kuritur sa Glasgow kellu jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 172 TFUE, li jaqa' taħt it-Titolu XVI tat-Trattat FUE dwar in-netwerks trans-Ewropej.

47. Fil-fatt, huwa jqis li l-estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali hija essenzjali għall-implementazzjoni tat-TEN-T u, bl-istess mod, hija intiża għalhekk sabiex jitwettqu l-għanijiet previsti fl-Artikoli 170 TFUE u 171 TFUE. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li l-estensjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2 għandha l-għan li tallinja l-kuritur tan-netwerk ewlieni fuq dan il-kuritur, li huwa wieħed mill-għanijiet tar-Regolament TEN-T – u għalhekk tal-Artikolu 170 TFUE –, skont il-premessa 46 ta' dan ir-regolament li tindika li "[l]-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jkunu f'konformità mal-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija stabbiliti mir-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja]". F'dan ir-rigward, ir-Renju Unit tiċċita wkoll il-premessa 16 tar-Regolament ikkontestat li jipprovdi li "[l]-allinjament ġeografiku tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija kif provdut fir-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja] u tal-kurituri tan-netwerk ewlieni skont il-Parti 1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament għandhom, fejn xieraq, jiġu żgurati, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-objettivi tal-istrumenti rispettivi, sabiex jittaffa l-piż amministrattiv u jiġi ssimplifikat l-iżvilupp u l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja".

48. Barra minn hekk, ir-Renju Unit jikkunsidra li l-emenda tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2 trid preċiżament tilħaq l-għanijiet tal-Artikolu 170(2) TFUE, li jipprevedi li "[f]il-qafas ta' sistema ta' swieq miftuħa u kompetittivi, l-azzjoni mill-Unjoni għandha tfittex li tiffaċilita l-interkonnessjoni u l-interoperabiltà ta' networks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għal dawk in-networks".

49. F'dan ir-rigward, ir-Renju Unit jispjega li kemm il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija u kif ukoll il-kurituri tan-netwerk ewlieni huma għodda ta' koordinazzjoni intiżi preċiżament għat-titjib tal-interoperabbiltà u tal-aċċess għan-netwerks nazzjonali. Dan l-argument huwa konformi mal-Artikolu 48(1) tar-Regolament TEN-T, li jipprovdi li "[k]oordinazzjoni adegwata għandha tiġi żgurata bejn il-kurituri tan-netwerk ewlieni u l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija kif stabbilit fir-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja], sabiex tiġi evitata kwalunkwe attività doppja, b'mod partikolari meta jkun qed jiġi stabbilit pjan ta' ħidma jew qed jitwaqqfu l-gruppi ta' ħidma".

50. Barra minn hekk, għalkemm konxju mill-fatt li legalment ma jistax jikkontesta iktar il-bażi legali li fuqha ġie adottat ir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, ir-Renju Unit isostni li l-għan prinċipali ta' dan ir-regolament huwa t-twettiq tal-għanijiet tal-Artikolu 170(2) TFUE, li barra minn hekk huwa pprovdut fil-premessa 5 tal-imsemmi regolament, li tindika li "l-istabbiliment ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għal netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv li fuqu l-ferroviji tal-merkanzija jkunu jistgħu jiċċirkolaw taħt kondizzjonijiet tajbin u jgħaddu faċilment minn netwerk nazzjonali għal ieħor jippermetti li jitjiebu l-kondizzjonijiet tal-użu tal-infrastruttura".

51. Barra minn hekk, ir-Renju Unit iqis li ma huwiex neċessarju, għall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-Parlament u mill-Kunsill, li jiġu stabbiliti infrastrutturi ferrovjarji ġodda sabiex l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija jidħlu fl-għanijiet li jridu jintlaħqu mill-Artikolu 170 TFUE, li, wara kollox, lanqas ma huwa obbligu fir-Regolament TEN-T fir-rigward tal-istabbiliment ta' kurituri tan-netwerk ewlieni.

52. Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit jaħseb li l-kwistjoni kollha hija dik dwar jekk il-miżura kollha kemm hi hijiex, b'mod predominanti, miżura ta' politika komuni tat-trasport jew miżura ta' netwerk, billi jpoġġi hawn hekk l-Artikolu 91 TFUE kontra l-Artikolu 170(2) TFUE. Għalkemm huwa ma jiċħadx li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja huwa intiż sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' trasport tal-merkanzija ferrovjarju kompettitiv u effiċjenti, huwa jrid jilħaq ukoll l-għanijiet tal-Artikolu 91 TFUE, li l-għan predominanti ta' dan ir-regolament huwa, fir-realtà, li joħloq netwerk magħmul minn kurituri ferrovjarji tal-merkanzija validi flimkien ma' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-ġestjonarji tal-infrastruttura, u dan jippromwovi l-għanijiet tar-Regolament TEN-T u bl-istess mod, dawk tal-Artikolu 170(2) TFUE.

53. Għalhekk, l-Artikolu 172 TFUE huwa bażi legali iktar speċifika mill-Artikolu 91 TFUE u l-modifikazzjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 kellha tiġi adottata skont l-ewwel artikolu.

54. Skont il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-fatt li l-Artikolu 172 TFUE biss jidher bħala bażi legali fil-preambolu tar-Regolament ikkontestat jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-bażi legali. Għalhekk, il-Parlament ifakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li abbażi tagħha l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jiġu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, u li fosthom hemm, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att ikkonċernat [17]. Huwa jiċċita wkoll is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill [18], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja indikat li "[j]ekk l-eżami ta' miżura Komunitarja jiżvela li din ssegwi għan doppju jew li għandha komponent doppju u jekk wieħed minnhom jiġi identifikat bħala l-iskop prinċipali jew predominanti jew komponent filwaqt li l-ieħor huwa sempliċement inċidentali, l-att għandu jkun ibbażat fuq bażi legali wieħed, jiġifieri dak meħtieġ mill-iskop jew komponenti prinċipali jew predominanti" [19].

55. Għalhekk, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li, skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ikkontestat, l-iskop prinċipali u predominanti ta' dan tal-aħħar huwa li tiġi pprovduta assistenza finanzjarja mill-Unjoni lin-netwerks trans-Ewropej u sabiex jagħti appoġġ lill-proġetti ta' interess komuni, filwaqt li l-Artikolu 29 u l-Anness II ta' dan ir-regolament, li jimmodifikaw il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 iridu jilħqu biss għan aċċessorju, jiġifieri dak li jimmodifikaw ir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja sabiex jallinjaw il-kurituri tan-netwerk ewlieni mal-kurituri tat-trasport tal-merkanzija inizjali. Il-Parlament u l-Kunsill ikomplu li, fir-realtà, jekk att distint ġie adottat għal din il-modifikazzjoni, l-Artikolu 91 TFUE kellu jkun il-bażi legali tiegħu.

17 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-411/06, EU:C:2009:518, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-130/10, EU:C:2012:472, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — C-137/12, EU:C:2013:675.

19 — Punt 53.

56. Barra minn hekk, jiena nifhem li, skont il-Parlament u l-Kunsill, sabiex ikun parti mit-TEN-T, il-kuritur għandu jkun proġett fis-sens li għandu jeżisti obbligu li jimmodifika infrastruttura eżistenti jew joħloq infrastruttura ġdida, li ma kienx il-każ f'dan il-każ. Fil-fatt, l-obbligu li jiġi implementat kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali ma jimponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li jibnu linji ferrovjarji ġodda. Min-naħa tagħhom, huwa jeħtieġ biss li jiżguraw koordinazzjoni aħjar tat-trasport tal-merkanzija ferrovjarju fuq ċerti linji ferrovjarji eżistenti u amministrazzjoni aħjar tagħhom, b'mod partikolari għall-għajnuna ta' 'single window'. Il-Kunsill ikkonkluda li l-użu ta' infrastruttura ma tistax tkun ikkunsidrata bħala "infrastruttura", fis-sens tal-Artikolu 170(1) TFUE.

57. Barra minn hekk, il-Parlament iqis li r-raġuni tal-modifikazzjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2, jiġifieri l-allinjament tal-kuritur tan-netwerk ewlieni korrispondenti ma' dan il-kuritur, ippreċiżat fil-premessa 16 tar-Regolament ikkontestat, bl-ebda mod ma turi li dawn il-kurituri huma marbuta u li t-tnejn li huma jridu jilħqu l-għanijiet tal-Artikolu 170(2) TFUE. Fl-opinjoni tiegħu, dan l-allinjament huwa intiż biss sabiex jirrazzjonalizza l-użu tal-infrastruttura, mill-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, fuq l-iżvilupp tiegħu, permezz tal-ħolqien tan-netwerk ewlieni, sabiex b'mod partikolari, inaqqas il-piż amministrattiv.

58. Il-Parlament isostni wkoll il-fatt li t-terminu "netwerk" fir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja għandu natura funzjonali. Fl-opinjoni tiegħu, jekk kull miżura li għandha l-effett li ttejjeb l-użu tal-infrastrutturi, bħal dawk previsti minn dan ir-regolament, tista' tiġi kklassifikata bħala "miżura li taqa' taħt t-TEN-T", dan ikun jinkludi kull miżura dwar it-trasport f'dan il-qasam, bħal dawk relatati mas-sigurtà jew mal-istandards tat-tariffikazzjoni. Miżura ta' netwerk li tirrigwarda t-trasport ferrovjarju, skont l-Artikoli 11 sa 13 tar-Regolament TEN-T, hija intiża biss sabiex tissodisfa l-kriterji dwar l-infrastrutturi ta' trasport u tikkostitwixxi l-bażi li tippermetti li jiġu identifikati proġetti ta' interess komuni.

59. Il-Kunsill, min-naħa tiegħu, jirrileva li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja ġie adottat abbażi tal-Artikolu 91 TFUE u ma jinkludix linji gwida dwar in-netwerks trans-Ewropej fis-sens tal-Artikolu 171(1) TFUE. Għalhekk, huwa jaqa' kompletament fil-politika komuni tat-trasport. B'mod iktar preċiż, fir-rigward tal-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat, huwa jindika li l-bżonn li jiġi żgurat l-allinjament ġeografiku tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija u tal-kurituri ta' netwerk ewlieni ma għandux il-konsegwenza li ddaħħal il-modifikazzjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizijali Nru 2 fit-TEN-T.

60. Fir-rigward tal-argument tar-Renju Unit li, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura taqax fl-Artikolu 170 TFUE, għandu jiġi eżaminat jekk din il-miżura hijiex miżura tan-netwerk meta mqabbla ma' miżura ta' politika komuni tat-trasport, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jsir riferiment għall-Artikolu 9 tar-Regolament TEN-T u għall-kundizzjonijiet hemm elenkati. Huwa jinnota wkoll li l-Artikoli 11 sa 13 ta' dan ir-regolament jirrigwardaw l-elementi tal-infrastruttura, ir-rekwiżiti applikabbli għall-infrastruttura u l-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-infrastruttura. Għalhekk, miżura li taqa' fit-TEN-T għandha tkun miżura li tirrigwarda l-infrastruttura.

61. Fl-aħħar nett, il-Kunsill iżid li l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, li jinsab fil-Kapitolu III tiegħu intitolat "Investimenti fil-kuritur tal-merkanzija", huwa biss strument ta' amministrazzjoni u koordinazzjoni u ma jimponix investiment fl-infrastruttura ferrovjarja, u ċaħad għalhekk l-argument tar-Renju Unit li dan ir-regolament iwassal, huwa stess, għal proġetti rrikonoxxuti bħala proġetti ta' interess komuni li jistgħu jirċievu fondi allokati mit-TEN-T.

62. Għall-Kummissjoni, l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni sostantiva tiegħu. Huma jikkostitwixxu modifikazzjoni formali tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja adottat abbażi tal-Artikolu 91 TFUE. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet huma rregolati minn dan l-aħħar artikolu.

63. Il-Kummissjoni wkoll tqis li d-dispożizzjonijiet dwar il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija huma essenzjalment għodda ta' koordinazzjoni u ta' amministrazzjoni intiża sabiex is-servizzi tal-merkanzija ferrovjarja jiffunzjonaw aħjar u jkunu iktar kompetittivi. Għalhekk, dawn jaqgħu biss taħt il-politika komuni tat-trasport.

2. L-evalwazzjoni tiegħi

64. L-ewwel motiv ippreżentat mir-Renju Unit huwa bbażat fuq il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. B'mod iktar preċiż, dan l-Istat Membru jqis li l-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 hija intiża għat-twettiq tal-għanijiet tal-Artikolu 170 TFUE u li l-modifikazzjoni mwettqa mill-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat kellha għalhekk issir skont l-Artikoli 171 TFUE u 172 TFUE.

65. Għalkemm dan ir-regolament ġie adottat abbażi tal-Artikolu 172 TFUE, il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mill-Kummissjoni, jikkunsidraw li l-modifikazzjoni magħmula lill-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 mill-Artikolu 29 u l-Anness II tal-imsemmi regolament għandha biss għan aċċessorju meta mqabbel ma' dak li jrid jilħaq l-istess regolament u li l-estensjoni ta' dan il-kuritur taqa' fil-politika komuni tat-trasport. Għalhekk, il-bażi legali xierqa għal din il-modifikazzjoni biss hija l-Artikolu 91 TFUE jekk din tkun is-suġġett ta' att distint.

66. Għalhekk, il-kwistjoni kollha hija dik dwar jekk l-allinjament ġeografiku tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali u tal-kurituri tan-netwerk ewlieni jaqax taħt il-politika komuni tat-trasport jew taħt il-politika tat-TEN-T. Din il-kwistjoni għandha importanza li ma tistax tiġi injorata. Fil-fatt, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 172 TFUE, l-iżball tal-għażla tal-proċedura deċiżjonali setgħet ċaħħdet lir-Renju Unit mid-dritt tiegħu li jeżerċita influwenza fuq il-kontenut stess tal-att, sa fejn it-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE jindika li l-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat mil-linji gwida u mill-proġetti ta' interess komuni relatati man-netwerks trans-Ewropej hija meħtieġa u r-Renju Unit ma tax il-kunsens tiegħu għall-estensjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2 sa Glasgow.

67. Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, "l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tibbaża ruħha fuq elementi oġġettivi, suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom jinsabu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut ta' l-att"[20]. "F'dan ir-rigward, hija irrilevanti l-bażi legali użata għall-adozzjoni ta' atti oħra tal-Unjoni li, jekk ikun il-każ, għandhom karatteristiċi simili, peress li d-determinazzjoni tal-bażi legali ta' att għandha ssir skont l-għan u l-kontenut tiegħu"[21].

68. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li "[j]ekk l-eżami tal-att ikkonċernat juri li dan l-att għandu għan doppju jew għandu komponent doppju u jekk wieħed minn dawn jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-ieħor huwa biss anċillari, dak l-att għandu jkun ibbażat fuq bażi legali unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti"[22].

69. Għalhekk, huwa fir-rigward ta' din il-ġurisprudenza li għandu jiġi ddeterminat jekk, kif isostni r-Renju Unit, l-unika bażi legali xierqa għall-estensjonijiet tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija li jirriżultaw mill-Artikolu 29 u mill-Anness II tar-Regolament ikkontestat hijiex l-Artikolu 172 TFUE.

20 — Sentenzi Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C 81/13, EU:C:2014:2449, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Spanja vs Il-Kunsill (C 147/13, EU:C:2015:299, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 — Sentenza Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-81/13, EU:C:2014:2449, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill (C-43/12, EU:C:2014:298, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70. Din l-analiżi teħtieġ, fl-ewwel lok, li jiġu eżaminati l-artikoli tat-Trattat FUE dwar il-politika komuni tat-trasport u dawk dwar in-netwerks trans-Ewropej. Fit-tieni lok, għandu jiġi vverifikat, fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tal-Artikolu 29 u tal-Anness II tar-Regolament ikkontestat, jekk l-azzjoni tal-Unjoni prevista minn dawn id-dispożizzjonijiet taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 170 TFUE *et seq*.

a) Il-politika komuni tat-trasport u n-netwerks trans-Ewropej

71. Skont l-Artikolu 90 TFUE, l-għanijiet tat-Trattati għandhom jintlaħqu, għal dak li jirrigwarda t-trasport, fil-kuntest ta' politika komuni tat-trasport. Fost dawn l-għanijiet, l-Artikolu 3(3) TUE jindika li "[l]-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' mpjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent. Hija għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku".

72. L-Artikolu 91(1)(a) u (b) TFUE għandu preċiżament l-ambizzjoni li jilħaq dan l-għan li joħloq suq intern billi jistabbilixxi linji gwida f'dan is-sens lil-leġiżlatur tal-Unjoni. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tipprevedi li dan tal-aħħar għandu jistabbilixxi "regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar" u "[l]-kondizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru".

73. Din id-dispożizzjoni tagħti lil-leġiżlatur tal-Unjoni l-bażi neċessarja sabiex iwettaq il-liberalizzazzjoni tas-servizzi u jiftaħ il-kompetizzjoni fil-qasam tat-trasport [23]. L-imsemmija dispożizzjoni tirregola għalhekk il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u l-kummerċ fl-Unjoni. Fil-qasam ferrovjarju, pereżempju, hemm tliet pakketti leġiżlattivi suċċessivi li ppermettew il-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi u l-ftuħ għall-kompetizzjoni [24].

74. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 91(1)(ċ) u (d) TFUE, isemmi miżuri li huma ta' natura mhux kummerċjali. B'hekk il-leġiżlatur tal-Unjoni, skont din id-dispożizzjoni, għandu jistabbilixxi l-miżuri li jtejbu s-sigurtà fit-trasport kif ukoll provvedimenti oħra xierqa. Fir-rigward tas-sigurtà fit-trasport, nista' nikkwota d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-liċenżji tas-sewqan [25], jew anki, fil-qasam tax-xmajjar, id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri [26].

23 — Ara s-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220, punt 62).

24 — L-ewwel pakkett ferrovjarju jinkludi d-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, li temenda d-Direttiva 91/440/KEE tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-ferroviji tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 7, Vol. 5 p. 376), id-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, li temenda d-Direttiva 95/18/KE tal-Kunsill dwar l-għoti ta' liċenzji għal impriżi ferrovjarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 7, Vol. 5, p. 401), u d-Direttiva 2001/14. It-tieni pakkett ferrovjarju jinkludi r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Regolament tal-Aġenzija) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 7, Vol. 8, p. 214), u d-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 7, Vol. 8, p. 227). It-tielet pakkett ferrovjarju jinkludi d-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji (ĠU L 315, p. 44), u d-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, p. 51). Għandha tiġi ċċitata wkoll id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, p. 32).

25 — ĠU L 403, p. 18.

26 — ĠU L 163, p 1.

75. Fir-rigward ta' "provvedimenti oħra xierqa", il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiża l-portata mogħtija lil dan il-kunċett fis-sentenza tagħha Schumalla [27]. Għalhekk, hija ddeċidiet li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa leġiżlattiva wiesgħa fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli komuni xierqa fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport [28]. B'mod iktar partikolari, minn din is-sentenza jirriżulta li d-dispożizzjonijiet komuni jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni tad-differenzi tan-natura li jippreġudikaw sostanzjalment il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fit-trasport, għall-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport, "utili", fis-sens tal-Artikolu 91(1)(d) TFUE [29]. Abbażi ta' din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta miżuri, b'mod partikolari, fil-qasam tal-fiskalità u fil-qasam soċjali [30].

76. Fir-rigward tal-Artikolu 170 TFUE, dan huwa intiż sabiex jistabbilixxi u jiżviluppa n-netwerks trans-Ewropej fid-dawl li jikkontribwixxi għat-twettiq tas-suq intern kif ukoll għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, skont l-Artikoli 26 TFUE u 174 TFUE rispettivament. Fl-Artikolu 170 TFUE, huwa ppreċiżat ukoll, li n-netwerks trans-Ewropej huma intiżi sabiex jippermettu liċ-ċittadini tal-Unjoni, lill-operaturi ekonomiċi kif ukoll lill-Komunitajiet reġjonali u lokali jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-vantaġġi li jirriżultaw mill-implemetazzjoni ta' żona mingħajr fruntieri interni.

77. Għalhekk, l-istabbiliment u l-iżvilupp tan-netwerks trans-Ewropej, u b'mod partikolari tat-TEN-T, għandhom jippermettu li n-netwerks nazzjonali jingħaqdu bejniethom sabiex jeliminaw kull ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija u tal-persuni. Ħafna drabi, dawn l-ostakoli huma ġeografiċi, bħal fil-każ tal-Alpi bejn Franza u l-Italja, jew tekniċi, bħall-eżistenza ta' diversi sistemi nazzjonali ta' sinjali stabbiliti u ta' kontroll tal-veloċità għat-trasport ferrovjarju li jippermettu lill-ferroviji jirreaġixxu għal sinjali mibgħuta mill-art. Tali ostakoli neċessarjament itaqqlu l-istabbiliment tas-suq intern.

78. Fir-rigward tat-twettiq tal-għanijiet previsti fl-Artikolu 174 TFUE, infakkar li dan jipprevedi, fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tiegħu li "[s]abiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tal-Komunità kollha, din ta' l-aħħar għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha intiżi għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha", u li "[b]'mod partikolari, il-Komunità għandu jkollha l-iskop li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni jew gżejjer li huma żvantaġġjati". Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-koeżjoni territorjali [31], il-Kummissjoni tispjega li din "tikkonsisti fil-garanzija ta' żvilupp armonjuż tat-[territorji tal-Unjoni] kollha u li r-residenti tagħhom ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-karatteristiċi proprji tagħhom. F'dan ir-rigward, hija mezz li bih id-diversità ssir assi li tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni kollha" [32].

79. Fil-qasam tat-TEN-T, din hija mfissra bil-fatt li jiġi żviluppat b'mod armonjuż in-netwerk Ewropew sabiex joffri lill-operaturi ekonomiċi u lill-utenti aċċess għall-infrastrutturi innovattivi, effiċjenti u kompetittivi fir-reġjuni kollha tal-Unjoni [33]. It-TEN-T għandhom għalhekk rwol essenzjali fl-iżvilupp armonjuż tal-Unjoni kollha, għaliex jippermettu moviment tal-atturi ekonomiċi f'kundizzjonijiet tajba

27 — 97/78, EU:C:1978:211.

28 — Punt 4. Ara wkoll, is-sentenza Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497, punt 29).

29 — Ara s-sentenzi Schumalla (97/78, EU:C:1978:211, punt 6) kif ukoll Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497, punt 40).

30 — Ara, b'mod partikolari, id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 1999, dwar il-ħlas li jrid isir minn verturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 7, Vol. 4, p. 372), u d-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 4, p. 224).

31 — Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni u lil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Green Paper fuq il-koeżjoni territorjali: nagħmlu assi mid-diversità territorjali [COM(2008) 616 finali].

32 — Punt 1, p. 3.

33 — Ara b'mod partikolari, il-premessi 2 sa 5 tar-Regolament TEN-T.

sabiex l-attività ekonomika tinqasam aħjar fit-territorju kollu tal-Unjoni [34]. Dawn huma dawk li jippermettu li r-reġjuni l-iktar mwarrba tal-Unjoni jingħaqdu mar-reġjuni l-iktar ċentrali u urbanizzati. Għalhekk huma strument għas-servizz tal-atturi ekonomiċi u taċ-ċittadini tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-post, fit-Trattat FUE, tat-Titolu li jittratta n-netwerks trans-Ewropej, ma huwiex fl-opinjoni tiegħi, kumbinazzjoni, għaliex jinsab eżatt wara t-Titolu XV, li jittratta l-iżvilupp tal-protezzjoni tal-konsumaturi, u qabel it-Titolu XVII, dwar l-industrija.

80. Fil-Green Paper tagħha dwar it-TEN-T [35], il-Kummissjoni tispjega li "l-politika tat-trasport hija intiża sabiex tippromwovi servizzi ta' trasport effiċjenti mill-perspettiva tal-ambjent, sikur u affidabbli, fis-suq intern u lil hinn" [36]. Fir-rigward tal-politika tat-TEN-T, hija "għandha tiżgura li dawn is-servizzi jiffunzjonaw bl-aħjar mod, abbażi ta' infrastruttura integrata u innovattiva bl-użu tal-iżviluppi teknoloġiċi reċenti fis-setturi tal-enerġija, tal-infrastruttura u ta' [mezzi ta' trasport fil-modi differenti ta' trasport]" [37].

81. Fid-dawl tal-elementi preċedenti, il-kwistjoni hija għalhekk dwar jekk l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat humiex sempliċi strumenti li jservu prinċipalment, u anki esklużivament, għat-twettiq tas-suq intern jew jekk imorrux lil hinn minn dan l-għan u huma intiżi, b'mod iktar speċifiku, għall-iżvilupp armonjuż tal-Unjoni kollha.

b) L-estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 170 *et seq*?

82. L-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat jaqgħu f'dan il-kamp. Dan ir-regolament għandu l-għan li jistabbilixxi strument finanzjarju sabiex jiffinanzja l-proġetti ta' interess komuni mwettqa fil-kuntest tal-politika tan-netwerks trans-Ewropej [38]. B'mod iktar partikolari, huwa intiż, skont il-premessa 2 tiegħu, sabiex jaċċellera l-investiment fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej u biex tingħata spinta lill-fondi mis-settur pubbliku u minn dak privat.

83. Għal dan il-għan, ir-Regolament ikkontestat jippreċiża l-għanijiet f'kull qasam imsemmi. Pereżempju, fil-qasam tat-trasport, fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolment hemm indikat li l-mekkaniżmu finanzjarju implementat jappoġġja l-proġetti ta' interess komuni intiżi, b'mod partikolari, għat-tneħħija tal-konġestjonijiet, għat-tisħiħ tal-interoperabbiltà ferrovjarja, sabiex joħolqu l-konnessjoni fejn hemm lakuni, u b'mod partikolari, għat-titjib tas-sezzjonijiet transkonfinali. Barra minn hekk, l-imsemmi regolament jistabbilixxi l-baġit għal perijodu partikolari [39] u jiddefinixxi l-forom ta' għajnuna finanzjarja differenti kif ukoll id-dispożizzjonijiet finanzjarji neċessarji għall-implementazzjoni tagħhom [40].

84. L-Artikolu 29 tar-Regolament ikkontestat jinsab fl-aħħar titolu ta' dan ir-regolament, li jittratta d-dispożizzjonijiet ġenerali u finali. Hija biss il-premessa 16 tal-imsemmi regolament li tgħinna nifhmu r-raġuni li għaliha l-leġiżlatur tal-Unjoni inkluda dan l-Artikolu 29 fir-Regolament ikkontestat. B'hekk, din il-premessa 16 tindika li "[l]-allinjament ġeografiku tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija kif provdut

34 — Fil-Komunikazzjoni dwar il-koeżjoni territorjali, fuq imsemmija, il-Kummissjoni tirrileva li "[l]-politika tat-trasport għandha effett evidenti fuq il-koeżjoni territorjali, b'mod partikolari bil-fatt li l-konsegwenzi tagħha fil-qasam tal-istabbiliment tal-attività ekonomika u t-tqassim tal-habitat. Hija għandha rwol partikolarment importanti fit-titjib tar-rotot mar-reġjuni l-inqas żviluppati u fi ħdan dawn tal-aħħar stess".

35 — Ara l-Green Paper TEN-T: eżami mill-ġdid tal-politika – lejn integrazzjoni aħjar tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għas-servizz tal-politika komuni tat-trasport [COM(2009) 44 finali].

36 — Punt 1, p. 3.

37 — *Ibidem*

38 — Ara l-Artikoli 1 u 3 tal-imsemmi regolament.

39 — Ara l-Artikolu 5 tar-Regolament ikkontestat.

40 — Ara l-Kapitoli II sa V ta' dan ir-regolament.

fir-Regolament [dwar il-merkanzija ferrovjarja] u tal-kurituri tan-netwerk ewlieni skont il-Parti I tal-Anness I [tar-Regolament ikkontestat] għandhom, fejn xieraq, jiġu żgurati, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-objettivi tal-istrumenti rispettivi, sabiex jittaffa l-piż amministrattiv u jiġi ssimplifikat l-iżvilupp u l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja".

85. L-għan tal-Artikolu 29 u tal-Anness II tar-Regolament ikkontestat huwa għalhekk li jimmodifikaw il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali sabiex jiġu korrispondenti għall-kurituri tan-netwerk ewlieni magħżula minn qabel fis-settur tat-trasport, kif previst fil-Parti I tal-Anness I ta' dan ir-regolament.

86. Madankollu, din il-konstatazzjoni biss ma tippermettix deċiżjoni tal-kwistjoni dwar jekk dawn id-dispożizzjonijiet jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 170 TFUE. Sa fejn l-imsemmija dispożizzjonijiet huma intiżi sabiex jemendaw ir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, fil-verżjoni inizjali tiegħu, għandhom jiġu kkunsidrati l-għan u l-kontenut ta' dan ir-regolament sabiex jiġi ddeterminat jekk l-estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali, bħal dik implementata mill-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat, kellhiex tkun adottata konformement mal-Artikolu 172 TFUE.

87. Għalkemm it-titolu tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja jista' jagħti x'jifhem li l-għan esklużiv jew prinċipali tiegħu huwa t-titjib tas-suq ferrovjarju intern, l-eżami tad-dispożizzjonijiet tiegħu juru, fir-realtà, li huwa jmur lil hinn minn sempliċi armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq intern fis-settur ta' dan il-mezz ta' trasport.

88. Qabelxejn, ninnota li l-premessa 3 ta' dan ir-regolament tindika li "[s]abiex ikunu kompetittivi ma' mezzi oħra ta' trasport, is-servizzi ferrovjarji internazzjonali u nazzjonali tal-merkanzija […] għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn infrastruttura ferrovjarja ta' kwalità tajba u ffinanzjata b'mod suffiċjenti, jiġifieri li tippermetti l-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija taħt kondizzjonijiet tajbin f'dawk li huma veloċità kummerċjali u ħin tal-vjaġġ u jkunu affidabbli". Ġustament, sabiex jiġi ottimizzat l-użu tan-netwerk u tiġi żgurata l-affidabbiltà tiegħu, ir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja jistabbilixxi "proċeduri addizzjonali sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali għall-ferroviji tal-merkanzija bejn il-ġestituri tal-infrastruttura" [41].

89. Il-premessa 5 tal-imsemmi regolament tenfasizza, min-naħa tagħha, in-neċessità tal-interoperabbiltà tal-infrastrutturi nazzjonali. Għalhekk hija tipprovdi li "l-istabbiliment ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għal netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv li fuqu l-ferroviji tal-merkanzija jkunu jistgħu jiċċirkolaw taħt kondizzjonijiet tajbin u jgħaddu faċilment minn netwerk nazzjonali għal ieħor jippermetti li jitjiebu l-kondizzjonijiet tal-użu tal-infrastruttura". Il-premessa 9 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja tenfasizza wkoll il-bżonn u l-importanza tal-interkonnessjoni tal-infrastrutturi ferrovjarji eżistenti waqt l-iżvilupp tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija.

90. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jindika li l-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi "r-regoli għall-istabbiliment u l-organizzazzjoni ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv bil-għan li jiġi żviluppat netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv". Għal dan il-għan, huwa jistabbilixxi "regoli għall-għażla, l-organizzazzjoni, it-tmexxija u l-ippjanar indikattiv tal-investimenti tal-kurituri tal-merkanzija".

41 — Ara l-premessa 4 ta' dan ir-regolament.

91. Għalhekk, diversi kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali ġew identifikati mill-Istati Membri u jinsabu fl-anness tal-imsemmi regolament [42]. Fost dawn il-kurituri, insibu l-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 li wara l-emenda permezz tar-Regolament ikkontestat sar il-kuritur "Baħar tat-Tramuntana – Mediterran". Kurituri ferrovjarji tal-merkanzija addizzjonali jistgħu, imbagħad, jintgħażlu u jiġu mmodifikati skont il-proċedura prevista fl-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja.

92. L-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament jipprovdi għall-istabbiliment, għal kull kuritur tal-merkanzija, ta' kumitat eżekuttiv stabbilit mill-Istati Membri kif ukoll ta' bord ta' tmexxija stabbilit mill-amministraturi tal-infrastruttura kkonċernata. Dawn il-kumitati huma responsabbli milli jiżguraw l-iżvilupp tal-kuritur tal-merkanzija kkonċernat skont pjan ta' implementazzjoni stabbilit mill-bord ta' tmexxija, skont l-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament.

93. Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, il-bord ta' tmexxija għandu wkoll, ifassal u jirrevedi perjodikament pjan ta' investiment għall-infrastruttura fil-kuritur tal-merkanzija, u għandu jippreżentah lill-bord eżekuttiv għall-approvazzjoni. Dan il-pjan għandu jinkludi, il-lista tal-proġetti previsti għall-estensjoni, it-tiġdid jew il-mobilizzazzjoni mill-ġdid ta' infrastruttura ferrovjarja u t-tagħmir tagħha tul il-kuritur tal-merkanzija u anki pjan ta' mobilizzazzjoni relatat mas-sistemi interoperabbli tul il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija [43].

94. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 13 tal-imsemmi regolament, il-bord ta' tmexxija responsabbli mill-kuritur tal-merkanzija għandu jistabbilixxi punt ta' waqfa waħda li tagħti l-possibbiltà lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati jippreżentaw it-talbiet għal mogħdijiet [44] f'post wieħed għal vjaġġ li jgħaddi mit-territorju ta' diversi Stati Membri.

95. L-istabbiliment ta' mogħdijiet internazzjonali stabbiliti minn qabel jitwettaq mill-amministraturi differenti tal-infrastruttura kkonċernata, billi jikkunsidraw il-bżonnijiet tas-suq u wara evalwazzjoni tal-bżonnijiet tal-kapaċitajiet [45].

96. Għalhekk, ninnota li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja għandu l-għan li joħloq u jiżviluppa b'mod koerenti u kkoordinat kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, li fihom jipparteċipaw jew li għalihom huma kkonsultati l-atturi tas-settur ikkonċernat kollha.

97. Fl-Artikolu 2(2)(a) ta' dan ir-regolament, il-kuritur tal-merkanzija huwa ddefinit bħala "[l]-linji ferrovjarji denominati kollha, inklużi l-linji ta' laneċ ferrovjarji, fuq it-territorju tal-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, u, fejn xieraq, pajjiżi terzi Ewropej, li jgħaqqdu żewġ terminali jew aktar, tul rotta prinċipali u, fejn ikun il-każ, rotot u taqsimiet ta' diversjoni li jikkollegawhom, inkluża l-infrastruttura ferrovjarja u t-tagħmir tagħha, u s-servizzi ferrovjarji rilevanti skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/14/KE".

98. L-għażla tal-iżvilupp tan-netwerk ferrovjarju Ewropew permezz tal-implementazzjoni ta' kurituri tal-merkanzija ma hijiex kumbinazzjoni. Fil-fatt, il-kunċett ta' kuritur ifisser il-kunsiderazzjoni ta' ħafna indikaturi u karatteristiċi proprji li jippermettu l-iżvilupp armonjuż ta' territorju. Il-kuritur kien iddefinit, pereżempju, bħala "żona li l-estensjoni tagħha tiddependi fuq indikaturi użati: kundizzjonijiet ġeografiċi, densità tal-popolazzjoni, kriterji kulturali, sferi ta' influwenza, strutturi istituzzjonali,

42 — Ara l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja.

43 — Ara l-Artikolu 11(1)(a) u (b) ta' dan ir-regolament.

44 — Il-mogħdija hija żona fejn huwa possibbli li jitqiegħdu ċertu numru ta' ferroviji b'veloċità simili u li jimxu wara xulxin b'mod mgħaġġel ferm, minn punt għall-ieħor f'mument partikolari. Fi kliem ieħor, tirrigwarda l-kapaċità li infrastruttura tiġi assenjata liċ-ċirkulazzjoni ta' ferrovija bejn żewġ punti ta' netwerk ferrovjarju.

45 — Ara l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja.

diviżjonijiet politiċi, eċċ”[46]. Dan it-terminu “kuritur” jippermetti li jiġu “identifikati rotot ta’ trasport […], li jiġi deskritt il-proċess tal-ftuħ ta’ żoni interni […], li jiġi ġġustifikat l-aċċess għal riżorsi […], li jiġi espress netwerk ta’ konnessjonijiet urbani interdipendenti li juru movimenti importanti, rabtiet u skambji bejniethom […] jew anki li jiddeskrivi toroq f’livell ġeografiċi differenti”[47].

99. Jiena ma nikkontestax il-fatt li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, permezz tal-ħolqien ta’ kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, huwa intiż sabiex itejjeb il-funzjonament tas-suq intern fis-settur tat-trasport ferrovjarju. Mill-bqija, f’dan is-settur, li ilu jnaqqas sa mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-leġiżlazzjonijiet kollha tal-Unjoni ġew adottati f’din il-perspettiva li tingħata dinamika ġdida lill-imsemmi settur, b’telf tal-veloċità meta mqabbel mat-trasport bit-triq, b’mezzi marittimi jew tal-ajru.

100. Madankollu, l-analiżi tal-kontenut ta’ dan ir-regolament iwassalni sabiex naħseb li huwa għandu l-għan li jservi b’mod ibbilanċjat u armonjuż lit-territorju tal-Unjoni, fid-dawl tal-bżonnijiet speċifiċi tal-atturi kkonċernati, kemm fil-livell ta’ neċessitajiet ekonomiċi kif ukoll fil-livell ta’ neċessitajiet soċjali[48]. L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament huwa ċar b’mod partikolari f’dan ir-rigward. Fil-fatt, huwa jobbliga li jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi kriterji għall-implementazzjoni ta’ kurituri tal-merkanzija addizzjonali. L-għażla ta’ dawn il-kurituri għandha ssir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, b’mod partikolari, il-qsim permezz tal-kuritur tal-merkanzija tat-territorju ta’ mhux inqas minn tliet Stati Membri, jew ta’ żewġ Stati Membri jekk id-distanza ta’ bejn it-terminali ferrovjarji moqdija mill-kuritur tal-merkanzija tkun ta’ iktar minn 500 kilometru, il-konsistenza tal-kuritur ikkonċernat mal-kurituri tat-TEN-T, mal-kurituri ERTMS u/jew mal-kurituri definiti mir-RNE, l-integrazzjoni ta’ proġetti prijoritarji tat-TEN-T[49] fil-kuritur tal-merkanzija, u anki l-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi li joħorġu mill-istabbiliment tal-kuritur tal-merkanzija[50].

101. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, ir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja għandu għan doppju segwit mill-politika tan-netwerks trans-Ewropej kif previsti fl-Artikolu 170 TFUE, jiġifieri li jistabbilixxi jew jiżgura l-funzjonament tas-suq intern (Artikolu 26 TFUE) u jippromwovi żvilupp armonjuż tal-Unjoni kollha billi jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha (Artikolu 174 TFUE).

102. Għalhekk, jidher li l-leġiżlatur tal-Unjoni stess kellu l-ispirtu tal-ħolqien ta’ kurituri ferrovjarji tal-merkanzija li jipparteċipaw fl-iżvilupp tat-TEN-T. Għalhekk, nistgħu naqraw, fix-xogħol preparatorju li wassal għall-adozzjoni ta’ dan ir-regolament, li l-kuritur għall-merkanzija għandu l-għan li jħaddem servizzi ferrovjarji internazzjonali u nazzjonali tal-merkanzija fit-territorju ta’ mhux inqas minn żewġ Stati Membri u li dan għandu l-karatteristika li jifforma parti mit-TEN-T[51].

103. Wieħed mill-argumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni huwa li jsostnu li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja ma jistax jidħol fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikoli 170 TFUE *et seq* peress li huwa neċessarju li l-att inkwistjoni jkollu l-għan li joħloq infrastrutturi ferrovjarji ġodda.

46 — Ara J. Debrie, u C. Comtois, “Qari mill-ġdid tal-kurituri ta’ trasport: eżempju mqabbel Ewropa/Amerika ta’ Fuq”, *Les Cahiers Scientifiques du Trasport*, Nru 58/2010, p. 127, speċjalment punt 2.1.1, p. 128.

47 — *Ibidem*

48 — L-idea tal-Kummissjoni, fl-abbozz tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-netwerk ferrovjarju Ewropew għal merkanzija kompetittiva [COM(2008) 852 finali], kienet b’mod partikolari li “tibni sistema ta’ trasport għas-servizz [taċ-]ċittadini u [tal-]impriżi [tal-Unjoni] li hija l-iktar xierqa u l-iktar effiċjenti possibbli” (punt 1.1).

49 — Għandu jiġi nnotat li l-kunċett ta’ “proġetti ta’ prijorità”, użat fl-Artikolu 4(ċ) tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, kien issostitwit skont l-Artikolu 58(2) tar-Regolament TEN-T. Fil-fatt, dan jindika li “[r]eferenzi għal ‘proġetti ta’ prijorità’ elenkati fl-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta’ Lulju 2010, fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew] għandhom jinftiehmu bħala referenzi għan-‘netwerk ewlieni’ kif iddefinit f’dan ir-Regolament”.

50 — Ara l-Artikolu 4(a) sa (d) ta’ dan ir-regolament.

51 — Ara l-abbozz tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill imsemmi fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 48 (p. 13); dokumenti tal-Parlament A7-0162/2010 (p. 47) u P6_TA(2009)0285 (p. 7), kif ukoll dokument tal-Kunsill 11069/5/09 REV 5 ADD 1.

104. Jiena ma naqbilx ma' din l-opinjoni.

105. Qabelxejn, f'dan ir-regolament, xejn ma jippermetti li jiġi konkluż li l-implementazzjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija kif ukoll il-miżuri li jiffavorixxu l-amministrazzjoni u l-użu tagħhom b'mod effiċjenti ma jeħtieġu ebda ħolqien ta' infrastrutturi fiżiċi. Fl-opinjoni tiegħi, lanqas ma huwa neċessarju li tirrikorri għal tali stabbiliment għall-finijiet tat-twettiq tal-interoperabbiltà bejn l-infrastrutturi tal-Istati Membri li, infakkar, hija prevista bl-implementazzjoni ta' dawn il-kurituri [52], peress li l-interoperabbiltà hija ddefinita bħala "l-abbiltà, inklużi l-kondizzjonijiet regolatorji, tekniċi u operazzjonali, tal-infrastruttura f'mezz ta' trasport biex tippermetti l-flussi ta' traffiku siguri u mhux interrotti li jiksbu l-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa għal dik l-infrastruttura jew mezz" [53].

106. Imbagħad, dan il-kriterju tal-istabbiliment ta' infrastrutturi fiżiċi ġodda ma jirriżulta minn imkien mill-formulazzjoni tal-Artikoli 170 TFUE u 171 TFUE.

107. L-Artikolu 170(1) TFUE jindika li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp tan-netwerks trans-Ewropej fis-setturi tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. L-istabbiliment tan-netwerks trans-Ewropej mhux bilfors jiġġenera l-ħolqien ta' infrastrutturi ġodda u jista' jistrieħ, parzjalment, fuq l-infrastrutturi nazzjonali diġà eżistenti. Dan huwa dak li jikkonfermaw il-premessi 7 u 8 tar-Regolament TEN-T li jindikaw, rispettivament, li "[f]il-parti l-kbira tiegħu, [it-TEN-T] jikkonsisti f'infrastruttura eżistenti" u li "[dan it-TEN-T] għandu jiġi żviluppat permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport, *permezz tar-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura eżistenti* u permezz ta' miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti tiegħu mil-lat ta' riżorsi" [54].

108. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 170(2) TFUE, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tiffavorixxi l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks. Fl-opinjoni tiegħi, dan jirrigwarda netwerks nazzjonali eżistenti li għandhom jiġu konnessi bejniethom u magħmula interoperabbli.

109. Fl-aħħar nett, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 171(1) TFUE jsemmi l-azzjonijiet intiżi b'mod ċar għall-interoperabbiltà bejn in-netwerks billi jenfasizza l-istandards tekniċi. Dawn l-azzjonijiet ma jeħtiġux il-ħolqien ta' infrastrutturi ġodda. Mill-bqija, l-interoperabbiltà ferrovjarja hija waħda mill-għanijiet imsemmija fil-linji gwida tal-Unjoni ddefiniti fir-Regolament TEN-T. Fil-fatt, fil-premessa 2 tiegħu nistgħu naqraw li "l-interoperabbiltà ferrovjarja tista' tissaħħaħ b'soluzzjonijiet innovattivi li jimmiraw li jtejbu l-kompatibbiltà bejn is-sistemi, bħal tagħmir abbord u linji ferrovjarji b'wesgħat differenti, flussi ta' informazzjoni u proċeduri". Għalkemm din l-aħħar sistema teħtieġ, mingħajr ebda dubju, xogħlijiet fuq il-linji ferrovjarji u għalhekk fuq l-infrastruttura ferrovjarja stess, mill-banda l-oħra, dan ma huwiex il-każ għat-tagħmir abbord. Barra minn hekk, il-premessa 5 ta' dan ir-regolament tindika li "[l]-White Paper tirrikjedi l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni relatata mat-trasport biex tiġi żgurata ġestjoni tat-traffiku mtejba u integrata u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi permezz ta' loġistika mtejba tat-trasport tal-merkanzija, monitoraġġ u lokalizzazzjoni tal-merkanzija, u skedi u flussi tat-traffiku ottimizzati. Billi *miżuri bħal dawn jippromwovu l-ġestjoni u l-użu effiċjenti tal-infrastruttura tat-trasport għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni [tal-imsemmi] Regolament*" [55] .

52 — Ara l-premessa 5 tal-imsemmi regolament.

53 — Ara l-Artikolu 3(o) tar-Regolament TEN-T.

54 — Korsiv miżjud minni.

55 — *Ibidem.*

110. B'hekk, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament TEN-T jippreċiża b'mod partikolari li t-TEN-T jinkludi infrastrutturi ta' trasport u applikazzjonijiet telematiċi kif ukoll miżuri li jippromwovu l-ġestjoni u l-użu effiċjenti ta' din l-infrastruttura u jippermettu l-istabbiliment u l-operat ta' servizzi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti. Minn dan jirriżulta li l-miżuri li ma jwasslux għal ħolqien ta' infrastrutturi fiżiċi ġodda, fis-sens ta' linji ferrovjarji ġodda, minkejja kollox xorta jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament li jirrigwarda t-TEN-T.

111. Jekk huwa neċessarju li att tal-Unjoni jipprovdi l-ħolqien ta' infrastrutturi ġodda sabiex ikun jista' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 170 TFUE, fl-opinjoni tiegħi, dan jillimita kunsiderevolment, il-possibbiltajiet li jiġu adottati tali atti mhux biss fis-settur tat-trasport, iżda wkoll f'dak tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija, setturi oħra li jappartjenu lin-netwerk trans-Ewropew. In-netwerks trans-Ewropej, li jaqgħu fis-settur tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni jew tal-enerġija, ma humiex limitati għall-infrastrutturi fiżiċi. Huma jiġbru l-miżuri kollha adattati sabiex iservu l-għanijiet tal-Artikolu 170 TFUE.

112. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jiena nikkunsidra li l-estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali, bħal dawk previsti fl-Artikolu 29 u fl-Anness II tar-Regolament ikkontestat, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 170 TFUE dwar in-netwerks trans-Ewropej.

113. Għaldaqstant, l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-għażla żbaljata tal-bażi legali għall-estensjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2, huwa fondat.

114. Issa jifdal li jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni kellux jitlob l-approvazzjoni tar-Renju Unit għal din l-estensjoni, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE.

B – *Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit għal kunsens tal-Istat Membru kkonċernat*

115. Permezz tat-tieni motiv tiegħu, ir-Renju Unit isostni li l-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 ġie adottat bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, sa fejn din id-dispożizzjoni tipprevedi li "[l]-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru partikolari għandhom ikunu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Istat Membru interessat".

1. L-argumenti tal-partijiet

116. Ir-Renju Unit jinvoka żewġ argumenti insostenn tat-tieni motiv tiegħu, jiġifieri li l-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 jikkostitwixxi proġett ta' interess komuni u li huwa jirrigwarda t-territorju tar-Renju Unit.

a) L-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 jikkostitwixxi proġett ta' interess komuni

117. Ir-Renju Unit iqis li l-modifikazzjonijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat huma "proġetti ta' interess komuni", fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE. Għalhekk, dawn il-modifikazzjonijiet li għandhom l-effett li jestendu l-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 kellhom jiġu ddeterminati fil-kuntest tal-linji gwida stabbiliti għall-finijiet tal-politika tat-TEN-T. B'mod partikolari, il-premessa 46 tar-Regolament TEN-T u l-premessa 16 tar-Regolament ikkontestat, li jindikaw li l-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jiġu allinjati mal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, jesprimu n-neċessità ta' tali estensjoni. Barra minn hekk, ir-Renju Unit jinnota li din l-estensjoni ġiet adottata fil-kuntest tar-Regolament ikkontestat, fuq il-bażi tal-Artikolu 172 TFUE.

118. Barra minn hekk, ir-Renju Unit isostni li l-imsemmija estensjoni tikkorrispondi b'mod ċar għad-definizzjoni mogħtija ta' proġetti ta' interess komuni fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament TEN-T.

119. Ir-Renju Unit jispjega wkoll li n-netwerk komprensiv, in-netwerk ewlieni u l-kurituri li jikkostitwixxuh, kif ukoll il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali huma marbuta mill-qrib. Għalhekk, jiena nifhem li, għar-Renju Unit, skont l-Artikolu 9(1)(d) ta' dan ir-regolament, in-netwerk komprensiv jikkostitwixxi l-bażi li tippermetti li jiġu identifikati l-proġetti ta' interess komuni. Fir-rigward tan-netwerk ewlieni, dan huwa kkostitwit minn partijiet tan-netwerk komprensiv li għandhom l-ikbar importanza strateġika sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-iżvilupp tat-TEN-T, konformement mal-Artikolu 38(1) tal-imsemmi regolament. Dan in-netwerk ewlieni, barra minn hekk, huwa kkostitwit mill-kurituri li jkopru l-flussi prinċipali fuq distanzi twal fl-imsemmi netwerk, b'mod partikolari, biex itejbu l-partijiet transkonfinali fl-Unjoni[56]. Issa, l-estensjonijiet tal-kurituri tal-merkanzija inizjali, peress li jwasslu għall-allinjament ta' dawn il-kurituri tan-netwerk ewlieni mal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija, jipparteċipaw ukoll fl-għanijiet tal-iżvilupp tat-TEN-T u jistgħu, għalhekk, jiġu identifikati bħala proġetti ta' interess komuni, għaliex jagħmlu parti, fir-realtà, min-netwerk komprensiv.

120. Ir-Renju Unit jindika, barra minn hekk, li l-Artikolu 7(1) tar-Regolament TEN-T, li jipprovdi huwa stess linji gwida li jkopru l-għanijiet tal-politika tan-netwerks trans-Ewropej, fis-sens tal-Artikolu 171(1) TFUE, jiddeskrivi proġett ta' interess komuni bħala li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tat-TEN-T, b'mod partikolari grazzi għall-miżuri intiżi għall-promozzjoni tal-użu effiċjenti tan-netwerk f'termini ta' riżorsi. Dan huwa preċiżament dak li l-modifikazzjonijiet tal-lista tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali huma intiżi li jagħmlu, għaliex, skont il-premessa 16 tar-Regolament ikkontestat, l-allinjament tal-kurituri tan-netwerk ewlieni mal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija huwa previst "sabiex jittaffa l-piż amministrattiv u jiġi ssimplifikat l-iżvilupp u l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja".

121. Ir-Renju Unit żied li, fi kwalunkwe każ, il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali, bħal dawk stabbiliti fl-oriġini tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, huma fihom innifishom proġetti ta' interess komuni, peress li jikkostitwixxu aspetti fundamentali tat-TEN-T. Dan ir-regolament ma jittrattax il-ħolqien ta' suq ferrovjarju intern. Skont il-premessi 5 u 10, dan huwa intiż sabiex jimplementa netwerk ferrovjarju internazzjonali li fuqu l-ferroviji jkunu jistgħu jiċċirkolaw taħt kundizzjonijiet tajbin u jgħaddu faċilment minn netwerk nazzjonali għal ieħor. L-Artikolu 4(b) u (ċ) tal-imsemmi regolament juri li dan tal-aħħar huwa intiż sabiex jiżgura l-koerenza tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija mat-TEN-T kif ukoll sabiex jiżgura l-kunsiderazzjoni tal-integrazzjoni tal-proġetti tan-netwerk ewlieni u dawn il-kurituri.

122. Barra minn hekk, ir-Renju Unit iqis li l-kunċett ta' proġetti ta' interess komuni ma għandhomx ikunu interpretati b'mod restrittiv. Għalhekk, dan il-kunċett ma jinkludix biss il-proġetti li għandhom l-għan li joħolqu infrastrutturi. F'dan ir-rigward, huwa jikkwota l-Artikolu 3(a) tar-Regolament TEN-T, li jiddefinixxi proġett ta' interess komuni bħala kwalunkwe proġett imwettaq skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament, billi jsostni li dan tal-aħħar jirreferi sempliċement għall-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport bħala mezz li jippermetti lill-proġetti ta' interess komuni jikkontribwixxu fl-iżvilupp tat-TEN-T.

123. Għalhekk, ir-Renju Unit jikkunsidra li l-estensjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2, kif prevista fl-Artikolu 29 u fl-Anness II tar-Regolament ikkontestat, tikkostitwixxi "proġett ta' interess komuni", fis-sens tal-Artikolu 171 TFUE. F'dan ir-rigward huwa suffiċjenti li din l-estensjoni ġiet iddeterminata fil-kuntest tal-linji gwida ddefiniti mir-Regolament TEN-T u mir-Regolament

56 — Artikolu 43(1) tar-Regolament TEN-T.

ikkontestat, li hija ġiet adottata permezz tar-Regolament ikkontestat li għandu l-għan li jippermetti l-ippjanar u l-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni fil-kuntest tal-politika dwar in-netwerks trans-Ewropej u li hija taqa' b'mod ċar fid-deskrizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament TEN-T.

124. Skont il-Parlament, il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali ma jistgħux jikkostitwixxu "proġetti" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE. Is-sempliċi fatt li jawtorizzaw risposta waħda fir-rigward tal-użu tagħhom, permezz ta' 'single window', jista' ikun biss is-segwitu loġiku tal-eżistenza tal-infrastruttura. Għalhekk, il-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali għandhom l-għan biss li jiffaċilitaw l-użu tal-mezzi ferrovjarji sabiex itejbu l-effiċjenza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.

125. Il-Parlament isostni li, fid-dawl tat-test tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament TEN-T, ir-rabta bejn proġett ta' interess komuni u l-infrastruttura tiġi waħedha. F'dan ir-rigward, huwa jfakkar li din id-dispożizzjoni teħtieġ li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proġetti jitwettqu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari mal-atti legali tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-ħarsien tal-klima, is-sigurtà, is-sikurezza, il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, il-kuntratti pubbliċi, is-saħħa pubblika u l-aċċessibbiltà. Għalhekk, huwa ma jarax għaliex u kif il-kostituzzjoni ta' Kumitat ta' Koordinazzjoni jew ta' 'single window' tista' tkun paragunabbli għal xi ħaġa li tissodisfa tali rekwiżiti.

126. Il-Parlament jirrileva, sabiex jiddistingwi l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali u l-kurituri tan-netwerk ewlieni, li dawn tal-aħħar, skont il-premessi 42 sa 44 tar-Regolament TEN-T, għandhom kunċett ferm differenti minn dawk tal-ewwel. Għalhekk, billi kkwota t-test ta' dawn il-premessi, huwa indika li approċċ ta' kurituri għal dak li jirrigwarda n-netwerk ewlieni jista' jippermetti l-koordinazzjoni ta' diversi proġetti fuq bażi transnazzjonali u li l-kurituri tan-netwerk ewlieni għandhom jippermettu l-iżvilupp tal-infrastruttura tan-netwerk ewlieni. Imbagħad huwa jsemmi li l-għan u n-natura speċifika tagħhom iwasslu għall-bżonn li jiġu identifikati s-sorsi ta' finanzjament, kemm privati kif ukoll pubbliċi, għall-proġetti transkonfinali kumplessi li jaqgħu f'kull kuritur tan-netwerk ewlieni.

127. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill ressaq il-fatt li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja ġie adottat abbażi tal-Artikolu 91 TFUE u li dan ma jinkludix linji gwida dwar in-netwerks trans-Ewropej u lanqas definizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni. Huwa jaqa', għalhekk, b'mod sħiħ taħt il-politika komuni tat-trasport.

128. Il-Kunsill iqis ukoll, li mill-qari tar-Regolament TEN-T, huwa ċar li l-proġetti ta' interess komuni huma proġetti li għandhom l-effett li joħolqu infrastrutturi ġodda ta' trasport kif ukoll li jtejbu u jimmodernizzaw l-infrastrutturi eżistenti.

129. Barra minn hekk, huwa jindika li ma huwiex suffiċjenti li miżura tosserva biss wieħed mir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, kif jissuġġerixxi r-Renju Unit, sabiex din il-miżura taqa' fid-definizzjoni ta' proġett ta' interess komuni. F'dan ir-rigward, ir-Renju Unit ma jurix li l-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 hija konformi mal-Kapitoli II u III tal-imsemmi regolament – li jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet relatati man-netwerk komprensiv u man-netwerk ewlieni rispettivament – kif jipprevedi l-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament TEN-T.

130. Skont il-Kummissjoni, il-ħolqien, l-allinjament u s-sostituzzjoni tal-lista ta' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali ma jaqgħux fil-linji gwida ddefiniti fl-Artikolu 71(1) TFUE u għalhekk ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala proġetti ta' interess komuni.

131. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-għan tar-rekwiżit marbut mal-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat mill-proġett ta' interess komuni, kif traskritt fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, huwa biss li kull miżura li tipproduċi effetti fuq Stat Membru teħtieġ l-approvazzjoni ta' dan l-Istat.

b) L-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 tirrigwarda t-territorju tar-Renju Unit

132. Skont ir-Renju Unit, l-estensjonijiet tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali jirrigwardaw, b'mod evidenti, it-territorju ta' Stat Membru, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE. Fl-opinjoni tiegħu, l-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġu deċiżi l-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni, fis-sens tal-Artikolu 171 TFUE, hija neċessarja għaliex dawn jaffettwaw l-interessi tal-Istati Membri, kif inhu l-każ, f'dan il-każ, bil-ħolqien u l-estensjoni ta' kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali.

133. Fil-fatt, ir-Renju Unit jispjega li, ladarba dan il-kuritur huwa stabbilit, tirriżulta sensiela ta' obbligi għall-Istat Membru kkonċernat skont ir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja. B'mod partikolari, l-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament jimponi li jiġu rriżervati għall-ferroviji tal-merkanzija mogħdijiet stabbiliti minn qabel li għandhom jitqassmu permezz ta' 'single window', stabbilita permezz tal-Artikolu 13 tal-imsemmi regolament. Dan għandu effett evidenti fuq il-kapaċitajiet ta' infrastruttura tal-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, il-fatt li l-proċedura prevista mir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja għall-finijiet tal-għażla tal-kurituri tal-merkanzija addizzjonali tieħu inkunsiderazzjoni, skont l-Artikolu 5(3) tal-imsemmi regolament, il-kwistjoni dwar jekk l-istabbiliment ta' kuritur jimponix piż sporporzjonat fuq l-Istat Membru u ċ-ċirkustanza li Stat Membru ma jkunx obbligat, kif jindika l-Artikolu 5(4) tal-imsemmi regolament, li jipparteċipa f'tali implementazzjoni jekk huwa jkollu netwerk ferrovjarju li għandu track gauge li jkun differenti minn dak tan-netwerk ferrovjarju prinċipali fl-Unjoni, huwa prova li l-istabbiliment ta' kuritur ferrovjaru tal-merkanzija għandu effetti konkreti sinjifikattivi għall-Istat Membru kkonċernat.

134. Skont ir-Renju Unit, sabiex proġett ta' interess komuni jkun jirrigwarda t-territorju ta' Stat Membru, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, dan il-proġett ma għandux neċessarjament ikollu l-effett li joħloq infrastruttura ġdida. Bħala prova, il-kurituri tan-netwerk ewlieni li skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament TEN-T, huma strumenti li jiffaċilitaw l-implementazzjoni koordinata tan-netwerk ewlieni, ma jeħtiġux, fihom innifishom, il-ħolqien ta' infrastrutturi ġodda. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' dawn il-kurituri ma huwiex eskluż mill-klassifikazzjoni ta' proġett ta' interess komuni li jirrigwarda t-territorju ta' Stat Membru, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE.

135. Skont il-Parlament, is-sitwazzjonijiet li fihom il-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jistgħu jeżistu biss jekk proġett ta' infrastruttura jippreżenta rabta diretta mat-territorju. Interpretazzjoni estensiva ta' dan il-kunċett twassal għall-kisba tal-approvazzjoni ta' kull Stat Membru għal kull miżura li tikkontribwixxi għat-titjib tal-funzjonament tan-netwerks trans-Ewropej, għaliex kull miżura ta' din in-natura għandha, skont id-definizzjoni, tapplika fit-territorju tal-Istati Membri. Il-Parlament u l-Kunsill jiċċitaw is-sentenza Spanja vs Il-Kunsill [57], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-Artikolu 192(2)(b) TFUE, li jipprovdi proċedura ta' vot eċċezzjonali għall-miżuri dwar l-immaniġġjar tat-territorju u li jaffettwaw l-art fil-qasam ambjentali, iddeċidiet li l-miżuri li ma jirregolawx it-twettiq ta' proġetti speċifiċi fil-qasam tal-infrastruttura huma ta' natura ġenerali u ma jeħtiġux għalhekk l-użu tal-proċedura eċċezzjonali. Dan japplika wkoll għall-"miżuri li [...], minkejja li jimponu ċerti limiti fuq il-mod kif tista' tintuża l-art tal-Istati Membri, ma jirregolawx l-użu li għalihom hija intiża" [58].

136. Il-Parlament jara parallel mal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali u jindika li, f'dan il-każ, anki jekk tali rabta indiretta ma tistax teżisti, għaliex xejn ma jista' jiġi kkunsidrat li jimponi l-inqas limitu għall-użu tal-art, l-uniku għan ta' dawn il-kurituri huwa l-koordinazzjoni bejn l-amministraturi tal-infrastruttura u l-istabbiliment ta' 'single window', sabiex tinħoloq merkanzija kompetittiva.

57 — C-36/98, EU:C:2001:64.

58 — Punt 53.

137. Barra minn hekk, il-Parlament iqis li l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali jistgħu jaffettwaw it-territorju tar-Renju Unit peress li t-telf tal-kontroll fuq l-allokazzjoni tal-kapaċitajiet, kif invokat minn dan l-Istat Membru, huwa biss kunsiderazzjoni purament operattiva. Il-fatt li amministratur tal-infrastruttura għandu jikkonsulta oħrajn dwar l-għoti ta' mogħdijiet ma jaffettwax it-territorju ta' Stat Membru.

138. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill jikkunsidra li r-rabta mat-territorju tal-Istat Membru teżisti biss meta l-proġett ta' infrastruttura inkwistjoni jkollu relazzjoni diretta mat-territorju ta' dan l-Istat, jiġifieri li jkollu effetti konkreti fuq l-awtonomija ta' dan tal-aħħar fl-immaniġġjar tat-territorju tiegħu. Dan ma huwiex il-każ fil-każ ta' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali li ma jwasslux għal proġetti ta' xogħlijiet kif jista' jkun il-każ, mill-banda l-oħra, għall-kurituri tan-netwerk ewlieni.

139. Dan ir-rekwiżit dwar l-infrastrutturi jirriżulta direttament mill-Artikolu 170 TFUE u huwa essenzjali għall-istabbiliment tan-netwerks trans-Ewropej. Skont il-Kunsill, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, li jistabbilixxi l-proċedura deċiżjonali, għandu jiġi interpretat b'mod ristrett.

2. L-evalwazzjoni tiegħi

140. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE jipprovdi proċedura ta' kodeċiżjoni, wara konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u tal-Kumitat tar-Reġjuni. Madankollu, fil-każ fejn l-att suġġett għal din il-proċedura jirrigwarda l-linji gwida jew il-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru, hija meħtieġa l-approvazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

141. Għalhekk, it-tieni motiv iwassalna sabiex neżaminaw, fl-ewwel lok, jekk l-estensjoni ta' kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 tirrispondix għall-kunċett ta' "proġetti ta' interess komuni", fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, u fit-tieni lok, jekk din tirrigwardax it-territorju tar-Renju Unit, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

a) Fuq il-kwistjoni dwar jekk l-estensjoni ta' kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali taqax fil-kunċett ta' proġett ta' interess komuni

142. Ir-Regolament TEN-T, li nfakkar li jistabbilixxi l-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tat-TEN-T, jidentifika l-proġetti ta' interess komuni [59]. Huma dawn tal-aħħar li jikkontribwixxu għat-twettiq tat-TEN-T. Barra minn hekk, huma jikkorrispondu għall-prijoritajiet stabbiliti fil-linji gwida [60], b'mod partikolari għall-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament TEN-T, kif ukoll għal dak li jirrigwardana, għall-prijoritajiet relatati mal-iżvilupp tal-infrastrutturi ferrovjarji elenkati fl-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament.

143. Sabiex jiġi kklassifikat bħala tali, proġett ta' interess komuni għandu għalhekk jikkorrispondi għall-kuntest iddefinit mir-Regolament TEN-T. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3(a) tiegħu jiddefinixxi l-proġett ta' interess komuni bħala "kwalunkwe proġett imwettaq skont ir-rekwiżiti [ta' dan] ir-regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu".

144. L-Artikolu 7 tar-Regolament TEN-T jippreżenta xi elementi addizzjonali sabiex dan il-kunċett jinftiehem aħjar. Fil-fatt fil-paragrafu 1, hemm indikat li "[p]roġetti ta' interess komuni għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp [tat-TEN-T] permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tar-rijabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti u permezz ta' miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti mil-lat ta' riżorsi tan-network".

59 — Ara l-Artikolu 1(1) u (2) ta' dan ir-regolament.

60 — Ara l-premessa 20 tal-imsemmi regolament.

145. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-regolament, jippreċiża li proġett ta' interess komuni għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet li jaqgħu taħt mill-inqas żewġ kategoriji minn erbgħa esposti fl-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, jikkonforma mal-Kapitolu II dwar in-netwerk komprensiv, kif ukoll mal-Kapitolu III li jirrigwarda n-netwerk ewlieni, ikun ekonomikament vijabbli abbażi ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi u juri valur miżjud Ewropew. L-erba' kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament TEN-T huma l-koeżjoni, l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u ż-żieda tal-benefiċċji għall-utenti tiegħu.

146. Huwa għalhekk fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha li għandu jiġi eżaminat jekk il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 jistax jikklassifika bħala "proġett ta' interess komuni" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE.

147. Fir-rigward tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament TEN-T, fl-opinjoni tiegħi, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħmlu qari restrittiv ħafna ta' din id-dispożizzjoni. Essenzjalment, huma jqisu li proġett ta' interess komuni jimplika bilfors il-kostruzzjoni jew l-iżvilupp tal-infrastrutturi ferrovjarji, li ma huwiex il-każ għall-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali.

148. Kif rajna fil-punti 105 sa 111 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-istabbiliment u l-iżvilupp tan-netwerks trans-Ewropej ma jillimitawx ruħhom għall-ħolqien ta' infrastrutturi ġodda. L-istess japplika, għalhekk, għall-proġetti ta' interess komuni, peress li huma dawn li jikkontribwixxu għal-istabbiliment ta' dawn in-netwerks.

149. Il-kliem tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament TEN-T huwa f'dan is-sens, għaliex, barra l-ħolqien ta' infrastrutturi ġodda, huwa jindika wkoll li l-proġetti ta' interess komuni jikkontribwixxu għall-iżvilupp tat-TEN-T grazzi għal miżuri intiżi għall-promozzjoni tal-użu effiċjenti tan-netwerk mil-lat ta' riżorsi. Mill-bqija, dan it-test huwa perfettament koerenti mal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament li jindika li t-TEN-T tinkludi infrastrutturi ta' trasport u applikazzjonijiet telematiċi kif ukoll "miżuri li jippromwovu l-ġestjoni u l-użu effiċjenti ta' din l-infrastruttura u jippermettu l-istabbiliment u l-operat ta' servizzi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti". Fost dawn il-miżuri, nistgħu nikkwotaw dawk elenkati fl-Artikolu 32 tal-imsemmi regolament li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-proġetti ta' interess komuni li jipprovdu servizzi ta' trasport tal-merkanzija effiċjenti billi jużaw l-infrastrutturi tan-netwerk komprensiv, u fl-istess waqt, jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u impatti ambjentali negattivi oħra, u li l-għan tagħhom huwa, b'mod partikolari, li jtejbu l-użu sostenibbli tal-infrastrutturi tat-trasport, b'mod partikolari, permezz tal-ġestjoni effiċjenti tagħhom, li jiffaċilitaw operazzjonijiet tas-servizz tat-trasport multimodali inklużi l-flussi ta' informazzjoni meħtieġa li jakkumpanjawhom u jtejbu l-kooperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizz tat-trasport, jew anki li janalizzaw u jipprovdu informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tal-flotot, ir-rekwiżiti amministrattivi u r-riżorsi umani.

150. Għandu jiġi kkonstatat li l-klassifikazzjoni ta' "proġetti ta' interess komuni" ma hijiex limitata għall-proġetti li jeħtieġu kostruzzjoni jew trasformazzjoni tal-infrastrutturi. Hija tmur lil hinn u tinkludi, b'mod partikolari, il-miżuri li jippermettu ġestjoni u użu kkoordinat u koerenti ta' dawn l-infrastrutturi, dak li għalih huma intiżi l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali. Tali approċċ jagħmel sens peress li, sabiex ikun hemm funzjonament tajjeb ħafna tat-TEN-T, il-kostruzzjoni u t-titjib fiżiku tal-infrastrutturi ġodda żgur li ma humiex biżżejjed u għandhom neċessarjament ikunu akkumpanjati minn ġestjoni u użu effiċjenti.

151. Barra minn hekk, fl-opinjoni tiegħi, ma hemmx dubju, li l-istabbiliment ta' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija addizzjonali, bħall-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2, jirrispondi għall-għanijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament TEN-T, b'mod partikolari għall-għanijiet ta' koeżjoni u effiċjenza.

152. Fil-fatt, kif rajna, il-ħolqien ta' dawn il-kurituri għandu l-għan li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jenfasizza l-interoperabbiltà u l-interkonnessjoni [61]. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija huwa intiż ukoll, sabiex jipprovdi servizzi ta' trasport tal-merkanzija f'kundizzjonijiet tajba u li huma affidabbli [62]. Dan l-għan jingħaqad ma' dak previst fl-Artikolu 4(d) tar-Regolament TEN-T, jiġifieri ż-żieda tal-benefiċċji għall-utenti tat-TEN-T.

153. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja, l-għażla ta' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija addizzjonali u l-modifikazzjoni tagħhom issir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi kriterji. B'mod partikolari, il-punt (b) tiegħu jipprevedi li din l-għażla għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-koerenza tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija mat-TEN-T, mal-kurituri ERTMS u/jew mal-kurituri ddefiniti mir-RNE. Barra minn hekk, il-punt (ċ) tiegħu jindika li l-imsemmija għażla għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-integrazzjoni tal-proġetti tan-netwerk ewlieni mal-kurituri tal-merkanzija. Għalhekk, jidhirli li l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija addizzjonali għandhom neċessarjament jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu II tar-Regolament TEN-T, dwar in-netwerk komprensiv, u dawk tal-Kapitolu III tiegħu, dwar in-netwerk ewlieni [63].

154. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-għażla ta' kurituri ferrovjarji tal-merkanzija addizzjonali, huwa neċessarju li tiġi ppreżentata analiżi soċjoekonomika li turi l-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji milħuqa bil-ħolqien ta' dawn il-kurituri [64].

155. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-valur miżjud Ewropew li għandu jippreżenta proġett ta' interess komuni [65], dan huwa ddefinit bħala "l-valur ta' proġett li, flimkien mal-valur potenzjali għall-Istat Membru rispettiv waħdu, iwassal għal titjib sinifikanti tal-konnessjonijiet tat-trasport jew fluss tat-trasport bejn l-Istati Membri li jista' jintwera b'referenza għat-titjib fl-effiċjenza, is-sostenibbilità, il-kompetittività jew il-koeżjoni, f'konformità mal-objettivi kif jinsabu fl-Artikolu 4 [tar-Regolament TEN-T]" [66]. Fid-dawl tal-kriterji ddefiniti fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja u l-ħsieb wara l-kurituri tal-merkanzija kif esprimejt fil-punti 97 u 98 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiena naħseb li l-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija addizzjonali, bħall-estensjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2, żgur li jwasslu għal tali titjib.

156. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn l-elementi, jiena tal-opinjoni li l-estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali għandha tiġi kklassifikata bħala "proġett ta' interess komuni" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE.

b) Fuq il-kwistjoni dwar jekk l-estensjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali tirrigwardax it-territorju ta' Stat Membru

157. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE jipprevedi li l-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru jeħtieġu l-approvazzjoni ta' dan tal-aħħar.

158. Fl-opinjoni tiegħi, l-għażla li tiġi stabbilita forma ta' dritt ta' veto favur l-Istat Membru kkonċernat hija spjegata mill-fatt li l-politika tan-netwerks trans-Ewropej tintegra aspetti territorjali u għalhekk tinteressa, b'xi mod, l-immaniġġjar tat-territorju li huwa qasam li tradizzjonalment jaqa' taħt is-sovranità tal-Istati Membri.

61 — Ara l-premessa 5, 9 u 11 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja.

62 — Ara l-premessi 3 u 4 ta' dan ir-regolament.

63 — In-netwerk ewlieni jikkonsisti, skont l-Artikolu 38 tar-Regolament TEN-T, minn dawk il-partijiet tan-netwerk komprensiv li huma tal-ogħla importanza mil-lat strateġiku, u għalhekk l-iżvilupp tal-ewwel għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tat-tieni.

64 — Ara l-Artikolu 4(d) tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja.

65 — Artikolu 7(2)(d) tar-Regolament TEN-T.

66 — Ara l-Artikolu 3(d) ta' dan ir-regolament.

159. Kif rajna fil-punti 132 sa 139 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-partijiet ma jaqblux fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-espressjoni "jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru", li tinsab fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE.

160. Fl-opinjoni tiegħi, it-termini użati f'din id-dispożizzjoni huma ċari u ma huma suġġetti għall-ebda interpretazzjoni. Sa mill-mument fejn proġett jikklassifika bħala ta' "interess komuni" fir-rigward ta' territorju ta' Stat Membru, l-approvazzjoni ta' dan tal-aħħar, għall-finijiet tal-implementazzjoni ta' dan il-proġett, hija meħtieġa. Fil-fatt, proġett ta' interess komuni, kif rajna fil-punti preċedenti, jipprevedi sensiela ta' miżuri għall-Istat Membru kkonċernat li neċessarjament għandhom impatt fuq it-territorju tiegħu.

161. L-użu, mir-redatturi tat-Trattat FUE, tat-termini perfettament ċari "li jirrigwardaw it-terrritorju ta' Stati Membru" ma jistgħu jingħataw ebda interpretazzjoni ħlief is-sens reali li huma għandhom.

162. F'dan il-każ, l-estensjoni tal-kuritur ferrovjaru tal-merkanzija inizjali Nru 2, ikkontestata f'dan ir-rikors, tinteressa firxa minn Londra sa Glasgow. Għalhekk ma jistax jiġi injorat li dan il-proġett ta' interess komuni jirrigwarda t-territorju tar-Renju Unit fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE. Għaldaqstant, l-imsemmi proġett ta' interess komuni kellu bżonn l-approvazzjoni ta' dan l-Istat Membru, li ma kienx il-każ f'dan il-każ.

163. Fid-dawl tal-elementi kollha preċedenti, jiena nqis li t-tieni motiv tar-Renju Unit, ibbażat fuq il-ksur tar-rekwiżit tal-approvazzjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 TFUE, huwa fondat.

C – *Osservazzjonijiet finali*

164. Jidhirli li huwa opportun li jiġi ppreċiżat li analiżi oħra tal-kawża twassalna, fi kwalunkwe każ, għal soluzzjoni identika.

165. Fil-fatt, jekk wieħed jaċċetta li l-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 kienet adottata fuq bażi legali korretta, jiġifieri l-Artikolu 91 TFUE, li fl-ebda każ ma jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat għal din l-estensjoni, xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat għandhom jiġu annullati.

166. B'hekk, infakkar li r-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja jipprovdi proċedura preċiża ferm dwar l-għażla u l-modifikazzjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija addizzjonali. B'mod partikolari, l-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament jindika li, "meta Stat Membru, wara li jkun wettaq analiżi soċjoekonomika, iqis li l-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija ma jkunx fl-interess tal-applikanti li aktarx jużaw il-kuritur tal-merkanzija jew ma jġibx benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti jew li jikkawża piż sproporzjonat, l-Istat Membru kkonċernat m'għandux ikun obbligat jipparteċipa kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, soġġett għal deċiżjoni tal-Kummissjoni li taġixxi skont l-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikoli 21(2)". Barra minn hekk, l-Artikolu 5(5) tal-imsemmi regolament jippreċiża li "[l]-istabbiliment ta' kuritur tal-merkanzija għandu jiġi propost mill-Istati Membri kkonċernati". Għalhekk huwa taħt r-rieda tagħhom li kuritur tal-merkanzija jista' jigi stabbilit.

167. F'dan il-każ, ir-Renju Unit beda proċedura, skont dawn id-dispożizzjonijiet, fir-rigward tal-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2 sa Londra[67].

67 — Ara l-punti 23 *et seq* tar-rikors tar-Renju Unit kif ukoll il-punt 33 tar-risposta tal-Kunsill.

168. Madankollu, ma saret ebda proposta għall-estensjoni sa Glasgow minn dan l-Istat Membru u ebda analiżi soċjoekonomika ma tista', jekk ikun il-każ, turi l-benefiċċju ta' tali estensjoni. Ir-Renju Unit jikkunsidra li din l-estensjoni kellha tkun suġġetta għall-proċeduri previsti mir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja [68]. Skont il-Kunsill, jiena nifhem li ma kienx neċessarju li jikkonforma ruħu mal-proċedura speċjalment prevista fl-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament [69]. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tqis li ma huwiex importanti, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, li teżisti proċedura partikolari għall-finijiet tal-modifikazzjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali [70].

169. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll ir-Repubblika tal-Latvja, fil-kuntest tal-proċedura dwar l-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, ressqu l-ilmenti tagħhom dwar in-nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prevista fir-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja għall-modifikazzjoni tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija inizjali [71].

170. Għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament ikkontestat, intiżi għall-modifika tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija inizjali Nru 2, ġew adottati b'nuqqas ta' konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-merkanzija ferrovjarja.

171. Il-ksur tal-osservanza ta' din il-proċedura tista' twassal biss għall-annullament tal-Artikolu 29 u tal-Anness II tar-Regolament ikkontestat peress li dan jikkostitwixxi, mingħajr ebda kontestazzjoni, ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fatt, l-iżball tal-għażla tal-proċedura deċiżjonali ċaħħdet lir-Renju Unit mid-dritt tiegħu li jeżerċita effett fuq il-kontenut stess ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

VI – **Konklużjoni**

172. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1) tannulla l-Artikolu 29 u l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 [1];

2) tikkundanna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

68 — Ara l-punt 12 tar-risposta tar-Renju Unit għan-nota ta' intervent tal-Kummissjoni.

69 — Ara l-punt 42 tar-risposta tal-Kunsill.

70 — Ara l-punt 39 tan-nota ta' intervent tal-Kummissjoni.

71 — Ara d-dokument tal-Kunsill 16096/13 ADD 2.